# FIL-QORTI ĊIVILI

# SEDE KOSTITUZZJONALI

## IMĦALLEF

## ONOR. IAN SPITERI BAILEY LL.M. LL.D.

**Illum l-Erbgha, 22 ta' Gunju, 2022**

**Kawża Nru. 1**

**Rik. Nru. 32/2019ISB**

**Fabio Psaila (KI: 318874)**

**vs**

**L-Avukat Generali u b'digriet tas-26 ta' Marzu 2019 giet kjamata fil-kawza Isabelle Mercieca Frantz u b'digriet tal-11 ta' Frar 2020 l-isem tal-Avukat Generali gie sostitwit bl-isem ta' "l-Avukat tal-Istat".**

**Il-Qorti,**

Rat ir-**Rikors** promotur ta' Fabio Psaila tat-28 ta' Frar 2019 li permezz tieghu talab, wara l-premessi hemmek maghmula, illi din il-Qorti:

1. *tiddikjara illi ghar-ragunijiet premessi inkiser fil-konfront tieghu l-Artikolu Numru 1 tar-Raba' Protokol tal-Konvenzjoni Ewropeja dwar id-Drittijiet tal-Bniedem.*

2. *tiddikjara illi ghar-ragunijiet premessi inkiser fil-konfront tieghu l-Arikolu Numru 2 tar-Raba' Protokol tal-Konvenzjoni Ewropeja dwar id-Drittijiet tal-Bniedem.*

3. *tiddikjara illi ghar-ragunijiet premessi inkiser fil-konfront tieghu l-Arikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropeja dwar id-Drittijiet tal-Bniedem u l-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni u kif ukoll l-KAP 319 tal-Ligijiet ta' Malta.*

4. *tiddikjara illi ghar-ragunijiet premessi inkiser fil-konfront ta' l-esponenti l-Artikolu 5 illi hemm fil-konvenzjoni Ewropeja dwar id-Drittijiet tal-Bniedem u kif ukoll l-Artikolu 34 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u tal-KAP 319 tal-Ligijiet ta' Malta.*

5. *tiddikjara illi ghar-ragunijiet premessi inkiser fil-konfront ta' l-esponenti l-Artikolu 36 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u l-Artikolu 3 tal-Konvenzjoni Ewropeja Dwar id-Drittijiet tal-Bniedem u tal-KAP 319 tal-Ligijiet ta' Malta.*

6. *tiddikjara illi l-Artikolu 338(z) tal-KAP 9 tal-Ligijiet ta' Malta huwa null u bla effett u ghan ghaliex jilledi d-drittijiet tieghu gha*

7. *tiddikjara illi s-sentenza fil-konfront tal-esponenti fl-ismijiet il-Pulizija vs Fabio Psaila huma nulli u bla effett, u thassarhom;*

8. *tordna l-hlas ta' kumpens xieraq;*

9. *taghti kull rimedju, direttivi ohra illi jidhrilha xierqa u opportuni.*

Rat id-digriet ta' din il-Qorti tal-1 ta' Marzu 2019 li bih l-kawza kienet appuntata ghas-seduta tas-26 ta' Marzu 2019.

Rat ir-**Risposta** tal-Avukat Generali tat-22 ta' Marzu 2019 li permezz:

1. *Illi preliminarjament jinghad li ghal-ahjar integrita` tal-gudizzju ghandha tissejjah fil-kawza l-eks mara tar-rikorrenti Isabelle Mercieca Frantz u dan ghaliex galadarba din il-kawza tirrigwarda l-manteniment li r-rikorrenti ghandu jaghti lilha u lit-tfal huwa pjutost evidenti li hi ghandha tkun parti mill-kawza. Ir-rikorrent qieghed jattakka l-fatt li l-Qorti tal-Familja u l-Qorti tal-Appell ordnaw li hu ghandu obbligu li jaghti manteniment lejn uliedu u ghalhekk m`hemmx dubju li omm it-tfal tieghu ghandha interess dirett fl-ezitu ta` din il-kawza.*

2. *Illi r-rikorrent fit-talbiet tieghu isemmi li inkisser l-artikolu numru 2 tar-Raba` Protokoll tal-Konvenzjoni Ewropea. Dan l-*

*artikolu jirrigwarda l-liberta` ta` moviment. Fil-fehma tal-esponent il-mertu tal-kawza ma jirrigwardax dan il-jedd u allura r-rikorrent ghandu jikkjarifika jekk dan l-artikolu issemma bi zball jew le.*

3. *Illi r-rikorrent ma jistax jallega li ġarrab ksur tal-artikolu 1 tar-Raba' Protokoll tal-Konvenzjoni Ewropea, tal-artikolu 5(1) tal-Konvenzjoni Ewropea u/jew tal-artikolu 34(1) tal-Kostituzzjoni ta' Malta għaliex huwa effettivament għadu ma ġiex imċaħħad mil-libertà tiegħu permezz ta' xi sentenza mogħtija mill-qrati. Tajjeb li jigi enfasizzat li r-rikorrent ma kien car xejn dwar liema huma il-kawzi kriminali li minhabba fihom huwa gie ikkundannat jiskonta piena ta` prigunerija minhabba li ma hallasx il-manteniment. Fir-rikors promotur hemm imnizzel li "minkejja li l-esponent ghadu ma giex imressaq quddiem il-Qorti Kriminali,…" mela m`hemmx dubju li f'dan ir-rigward għalhekk l-ilment tar-rikorrent huwa wieħed intempestiv;*

4. *Illi bla ħsara għall-premess ir-rikorrent ma jistax jinvoka ksur tal-artikolu 1 tar-Raba' Protokoll tal-Konvenzjoni Ewropea għaliex f'dan il-każ ma hemm involuta l-ebda obligazzjoni kuntrattwali. Kif ġie mfisser f'partita 4 tal-kummentarju u r-rapport spjegattiv għal dan il-Protokoll, imħejji mill-Kumitat tal-Esperti fil-Jeddijiet tal-Bniedem "<u>Such obligations must, however, arise out of contract. This Article does not apply to obligations arising from legislation in public or private law</u>";*

*Tassew jekk ir-rikorrent qieghed jaffaccja kawzi kriminali relatati ma nuqqas ta` hals ta` manteniemnt, dawn il-proċeduri kriminali mhumiex imnissla minn xi kuntratt jew minn xi ftehim iżda huma konsegwenza ta' nuqqas ta' ħarsien ta' ordni tal-Qorti, liema ordni nħarġet fuq is-saħħa ta' liġi;*

5. *Illi f'kull każ safejn ir-rikorrent qiegħed jattakka l-liġi nnifisha, tajjeb li jiġi rilevat li l-piena stabbilita mil-liġi, f'każ ta' sejbien ta' ħtija tal-kontravvenzjoni kontemplata fl-artikolu 338(z) tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta, ma twassalx awtomatikament għal detenzjoni jew priġunerija kif donnu jimplika r-rikorrent fir-rikors kostituzzjonali tiegħu;*

*Kemm hu hekk, jekk wieħed iħares lejn l-artikolu 7(2) tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta wieħed isib li l-piena għall-kontravvenzjoni inkwistjoni tista' tvarja bejn (i) <u>detenzjoni</u> (li skont l-artikolu 12(2) tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta ma tistax taqbeż ix-xahrejn), (ii) <u>ammenda</u>*

*(li skont l-artikolu 13(1) tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta ma tistax tkun aktar għolja minn €58.23) u (iii) ċanfira u twiddiba. Jiġifieri l-qrati ta' ġurisdizzjoni kriminali mhumiex marbutin ex lege li bilfors jerogaw piena ta' detenzjoni jekk isibu lil xi ħadd ħati li naqas milli jimpenja ruħu fil-ħlas tal-manteniment. Anzi l-qrati huma fil-libertà li jiddeċiedu bil-kejl għaqli tagħhom liema piena hija l-aktar xierqa għaċ-ċirkostanzi tal-każ;*

*Anke fil-qagħda ta' reċidiva, it-tieni proviso tal-artikolu 338(z) tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta jħalli fl-għażla ħielsa tal-Qorti li tiddeċiedi jekk għandux ikun hemm piena ta' caħda tal-libertà tal-ħati jew le. Mhux hekk biss, f'kull ċirkostanza l-Qorti tista' wkoll tmur għal-liberazzjoni assoluta jew kundizzjonata skont l-artikolu 22 tal-Kap 446 tal-Liġijiet ta' Malta;*

*Jiġi b'hekk li r-rikorrent huwa għalkollox żbaljat meta jipprova jagħti l-impressjoni li l-ksur tal-kontravvenzjoni tal-artikolu 338(z) tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta jwassal b'mod awtomatiku għat-tneħħija tal-libertà tiegħu.*

6. *Illi l-prassi segwita mill-Qrati tagħna kienet dejjem li huma ma jitfgħux nies il-ħabs jekk dawn fil-frattemp jilħqu jħallsu l-arretrati tal-manteniment. F'dan is-sens allura l-interpretazzjoni tal-liġi mogħtija mill-Qrati tagħna lill-artikolu 338(z) tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta timxi a pari passu mat-tagħlim ħiereġ mis-sentenza Vasileva vs. Id-Danimarka;*

7. *Illi fuq kollox l-artikolu 338(z) tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta jrid jinqara wkoll fil-kuntest tal-artikoli 21 u 985 tal-Kap 16 tal-Liġijiet ta' Malta. Wisq loġikament ħadd ma jista' jiġi mġiegħel jagħmel l-impossibbli, b'dana li jekk ikun hemm bdil fiċ-ċirkostanzi, min ikun mgħobbi bl-obbligu tal-ħlas tal-manteniment dejjem ikun jista' jadixxi quddiem il-Qorti tal-Familja biex jinħeles minn dan l-obbligu tiegħu jew li tiġi mnaqqsa r-retta alimentari. Jekk huwa jiġi hekk meħlus jew imtaffi mill-piż tal-maniteniment allura dak li jkun ma jibqax aktar espost għall-proċeduri kriminali abbażi tal-artikolu 338(z) tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta*

*Ifisser dan, li jekk persuna li tkun ġiet ordnata mill-Qorti li tħallas ammont partikolari ta' manteniment, tiġi f'qagħda li ma tistax tonora aktar dawk l-obbligi tagħha, allura hija dejjem tista' titlob it-tneħħija*

*jew it-tnaqqis ta' dak l-obbligu. Bilkemm għandu għalfejn jingħad hija l-Qorti tal-Familja li hija l-forum idoneu li għandha teżamina l-mezzi u l-qagħda finanzjarja ta' min għandu jagħti l-manteniment;*

8. *Illi mingħajr ħsara għas-suespost, speċifikament b'rabta mal-artikolu 1 tar-Raba' Protokoll tal-Konvenzjoni Ewropea, tajjeb li jingħad li kif ġie mfisser f'partita 5 tal-kummentarju u r-rapport spjegattiv għal dan il-Protokoll iċ-ċaħda tal-libertà mhijiex projbita:*

*a. If a debtor acts with malicious or fraudulent intent;*
*b. If a person deliberately refuses to fulfil an obligation, irrespective of his reasons therefore;*
*c. If inability to meet a commitment is due to negligence;*

*Għalkemm fis-sejbien ta' ħtija tal-kontravvenzjoni tal-artikolu 338(z) tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta hemm il-prospettiva ta' detenzjoni u anke ta' priġunerija f'każ ta' reċidiva, dan ma jfissirx b'daqshekk li tali piena jew tali liġi hija bi vjolazzjoni tal-artikolu 1 tar-Raba' Protokoll tal-Konvenzjoni Ewropea. Dan għar-raġuni li kif fuq spjegat il-kolpevolezza ta' din il-kontravvenzjoni ma twassalx awtomatikament għaċ-ċaħda tal-libertà minħabba li l-qorti għandha diskrezzjoni ħielsa fl-għażla tal-piena, dejjem skont iċ-ċirkostanzi u l-fattizzi tal-każ inkwistjoni;*

*Għaldaqstant mill-aspett oġġettiv u ġeneriku ma hemm xejn ħażin kontra r-Raba' Protokoll tal-Konvenzjoni Ewropea jekk il-liġi tippermetti l-erogar ta' piena ta' detenzjoni jew ta' priġunerija f'każ ta' ksur ripetittiv tal-artikolu 338(z) tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta;*

9. *Illi għalhekk dak li jmiss li jiġi eżaminat huwa jekk issa mill-aspett soġġettiv u speċifiku għall-każ in eżami, l-applikazzjoni tal-artikolu 338(z) tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta fil-konfront tar-rikorrent f'dan il-każ, wasslitx jew tistax twassal għall-ksur tal-artikolu 1 tar-Raba' Protokoll tal-Konvenzjoni Ewropea;*

*F'dan ir-rigward tajjeb li wieħed iżomm f'moħħu li l-artikolu 1 tar-Raba' Protokoll tal-Konvenzjoni Ewropea jgħodd biss fejn ikun hemm inabilità li jiġi mwettaq obbligu kuntrattwali u mhux sempliċement meta jkun hemm diffikultà. Għalhekk biex ir-rikorrent*

*jirnexxi fl-ilment tiegħu irid iseħħlu jipprova li huwa verament kien fl-impossibilità li jħallas il-manteniment;*

*F'dan il-każ ir-rikorrent ma rnexxilux jipperswadi lill-Qorti tal-Familja u lil-Qorti tal-Appell li jinsab f'qagħda finanzjarja mwergħa. Għalhekk dan ifisser biss li huwa kapaċi jħallas il-manteniment u l-esponent ma jarax kif din l-Onorabbli Qorti għandha tiddeċiedi mod ieħor;*

10. *Illi dejjem mingħajr ħsara għal dak fuq imsemmi, l-esponent jinsab xi ftit perpless kif ir-rikorrent qiegħed jargumenta ksur tal-artikolu 5(1) tal-Konvenzjoni Ewropea u tal-artikolu 34(1) tal-Kostituzzjoni ta' Malta. Dan mhux biss għar-raġuni li sa issa huwa għadu ma rċieva l-ebda sentenza li ċaħditlu b'mod effettiv il-libertà tiegħu iżda anke għaliex dawn il-provvedimenti propriju jawtorizzaw il-privazzjoni tal-libertà jekk xi ħadd jonqos milli jħares l-ordni ta' qorti. F'dan ir-rigward il-ħlas tal-manteniment lill-uliedu ġie propriju ordnat minn qorti;*

*Jiġifieri jekk fl-eventwalità li qorti fil-futur tħoss opportun li għandha tinfliġġi piena ta' detenzjoni jew ta' impriġunerija fuq ir-rikorrent minħabba nuqqas repitittiv ta' ħlas tal-manteniment da parti tiegħu, hija tkun qed timxi in linea mal-artikolu 5(1)(b) tal-Konvenzjoni Ewropea u tal-artikolu 34 (1)(d) tal-Kostituzzjoni ta' Malta, meqjus li d-deprivazzjoni tal-libertà tiegħu tkun marbuta ma' nuqqas ta' ħarsien ta' ordni tal-Qorti. Dan fl-isfond ukoll li sa issa ma hemmx sentenza jew dikriet tal-Qorti tal-Familja li turi li r-rikorrenti mhuwiex kapaċi jħallas l-arretrati tal-manteniment;*

11. *Illi fi kwalsiasi każ irrispettivament mill-artikolu 5(1)(b) tal-Konvenzjoni Ewropea u l-artikolu 34 (1)(d) tal-Kostituzzjoni ta' Malta, jekk ikun hemm sentenza ta' detenzjoni/priġunerija ġejja mill-Qorti, allura dik il-privazzjoni tal-libertà, ladarba tkun ġejja minn qorti wara proċess li wassal għal sejbien ta' ħtija, allura tali detenzjoni/priġunerija tkun leġittimata skont l-artikolu 5(1)(a) tal-Konvenzjoni Ewropea u l-artikolu 34 (1)(b) tal-Kostituzzjoni ta' Malta rispettivament;*

12. *Illi r-rikorrent qed jallega ukoll ksur tal-artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea u l-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni li jirrigwardaw il-jedd ghal-smigh xieraq. Anke hawn m`huwiex car kif sippost dan*

*ul-jedd gie miksur. Illi l-esponent jirrileva li dawn l-artikoli jipprovdu li sabiex jiġi garantit id-dritt għal smigħ xieraq, is-smigħ għandu jsir fi żmien raġonevoli, u jinstema' minn Qorti indipendenti u imparzjali mwaqqfa b'liġi. Illi minn dawn l-elementi kollha li jsawru il-jedd ghal-smigh xieraq, ir-rikorrenti lanqas element wieħed ma jelenka jew jilmenta minnu;*

13. *Illi r-rikorrent isemmi ukoll l-artikolu 3 tal-Konvenzjoni Ewropea u l-artikolu 36 tal-Kostituzzjoni. Tajjeb li wiehed ifakkar li skont il-gurisprudenza tal-Qorti Ewropea ta' Strasbourg, "inhuman treatment covers at least such treatment as deliberately causes severe mental and physical suffering". It-trattament jitqies inuman meta jkun mahsub minn qabel u ppremeditat biex jikkaguna "intense physical and mental suffering" – kaz "Tekin v. Turkey", deciz fid-9 ta' Gunju, 1998. Ghar-rigward ta' trattament degredanti dan jitqies li jirreferi ghal dak it-trattament li jgieghel lil dak li jkun ikisser ir-resistenza kemm fizika u morali tal-vittma jew li jgieghel lill-vittma li tagixxi kontra l-volonta` taghha. It-trattament ikun ukoll degradanti jekk ikun tali li jqajjem f'dak li jkun sentimenti ta' biża', angoxxia u sens ta' inferjorita` li jumiljaw u jiddenigraw lil dak li jkun saħansitra sakemm possibilment jabbattu r-reżistenza fiżika jew morali tiegħu.*

*Illi l-protezzjoni ghad-drittijet fundamentali hija kontra trattament fost affarijet ohra premeditat, li jikkawza tbatija fizika u mentali, u trattament intenzjonat u apposta li johloq biza, twerwir, angoxxa ecc bil-ghan specifiku li jumilja u jiddegrada lid-dinjita' tal-persuna.*

*Illi fid-dawl ta' dan qatt ma jista' jinstab minn din l-Onorabbli Qorti li fil-każ odjern sar xi agir li jista' jitqies li jammonta ghal dan it-tip ta' trattament u għaldaqstant din l-Onorabbli Qorti m'għandiex issib ksur ta' l-Artikolu 36 tal-Kostituzzjoni u l-Artikolu 3 tal-Konvenzjoni Ewropeja;*

14. *Illi l-esponent jagħlaq billi jtenni li mhuwiex xieraq, jekk ir-rikorrent verament irid il-ġid għal uliedu, li jinqeda b'dawn il-proċeduri kostituzzjonali, sabiex jipprova jinħeles jew jippostponi l-obbligu tiegħu li jħallas l-alimenti lill-uliedu skont l-artikoli 3B, 7 u 20 tal-Kap 16 tal-Liġijiet ta' Malta;*

*Għaldaqstant fid-dawl tas-suespost l-esponent umilment jitlob lil din l-Onorabbli Qorti jogħġobha tiċħad it-talbiet kollha tar-rikorrent bl-ispejjeż kontra tiegħu;*

Rat id-digriet moghti mill-Qorti fl-udjenza tas-26 ta' Marzu 2019 billi ordnat il-kjamat in kawza ta' Isabelle Mercieca Frantz u b'konsegwenza t'hekk, l-Avukat Generali rtira l-ewwel eccezzjoni preliminari.

Rat illi l-imsemmija Isabelle Mercieca Frantz kienet notifikata fil-5 ta' Gunju 2019 u ressqet ir-**risposta** taghha fit-13 ta' Gunju 2018, fejn stqarret hekk:

*1. Illi qabel xejn l-esponenti tixtieq tagħti stampa iktar realistika tal-fatti minn dik mogħtija lil din l-Onorabbli Qorti mir-rikorrent u tippreċiża illi fid-data tal-preżentata tar-rikors kostituzzjonali odjern, il-manteniment mensili dovut skond is-sentenza kien diġa naqas għal €140, minħabba li wieħed mill-ulied li għalih kien qed jitħallas il-manteniment beda jaħdem fuq bażi full-time b'effett minn Marzu 2018.*

*2. Illi kien ir-rikorrent li qiegħed ruħu f' diffikolta li jħallas il-manteniment, minħabba li huwa persistentement naqas milli jħallas il-manteniment puntwalment bil-konsegwenza li akkumulaw ħafna arretrati. Huwa jiddeċiedi li jħallas biss in estremis meta l-kawża tkun fl-istadju tal-Appell Kriminali. Il-Qorti tal-Appell Kriminali kienet klementi ż-żejjed mal-istess rikorrent u tat differiment fuq differiment biex ir-rikorrent jilħaq iħallas il-manteniment biex b'hekk l-istess Qorti tkun tista' tiġġustifika riforma f'sentenza ġustament mogħtiha mill-Onorabbli Qorti tal-Maġistrati. Ta' min jirrileva li l-appell kriminali relattiv għall-ħlas ta' manteniment għax-xhur ta' Mejju 2014 sa Settembru 2015 (16-il xahar) għadu pendenti. F'kaz ieħor, meta l-appell kien diġa ġie differit għas-sentenza, l-Onorabbli Qorti tal-Appell saħansitra ssospendiet il-prolazzjoni tas-sentenza, fuq talba tar-rikorrent (mhux opposta mill-esponenti), minħabba li r-rikorrent laħaq għamel pagament akkont tal-manteniment dovut.*

*3. Illi fiż-żmien meta ngħatat is-sentenza li permezz tagħha r-rikorrent ġie ordnat iħallas l-manteniment ta' €140 għal kull wild, ir-rikorrent diġa kellu fedina penali li kienet deskritta mill-Onorabbli Qorti Kriminali bħala 'arċirefrettarja' u l-pubbliċita negattiva li ingħata kienet fl-apiċi tagħħa fiż-żmien peress li r-rikorrent kien qed jinżamm il-ħabs, wara li għamel diversi ġimgħat imfittex mill-Pulizija in konnessjoni ma' hold up tal-Goldmarket. L-Onorabbli Qorti tal-Familja kienet qieset iċ-ċirkostanzi kollha u kien appuntu għalhekk illi l-manteniment likwidat kien daqshekk baxx.*

*4. Illi minn meta ħareġ mill-ħabs u sa minn ferm qabel ma kellu l-inċident awtomobilistiku imsemmi fir-rikors, l-esponenti taf li f'xi perjodi kien qiegħed jbiegħ fuq il-Monti tal-Birgu. Jekk ħadd ma jrid jimpjegah minħabba li huwa pluri preġudikat għal reati serji, ħadd ma hu qed jimpedixxi lir-rikorrenti milli jaħdem għal rasu.*

*L-Ewwel Talba*

*5. Illi dwar l-allegat ksur tal-Artikolu 1 tar-Raba' Protokoll tal-Konvenzjoni Ewropeja Dwar id-Drittijiet tal-Bniedem. L-Artikolu imsemmi jgħid:*

*'Ħadd ma għandu jigi pprivat mil-liberta` tiegħu unikament minħabba fl-inkapacita` tiegħu li jwettaq obbligazzjoni kuntrattwali'*

*6. Illi l-obbligazzjoni tal-konvenut li jħallas il-manteniment mhijiex obbligazzjoni kuntrattwali, iżda waħda naxxenti minn sentenza mogħtija minn Qorti kompetenti, liema sentenza kienet konfermata fl-Appell.*

*7. Illi għaldaqstant din it-talba tar-rikorrent hija għal kollox infondata u għandha tiġi miċħuda.*

*It-Tieni Talba*

*8. Illi dwar l-allegat ksur tal-Artikolu 2 tar-Raba' Protokoll tal-Konvenzjoni Ewropeja Dwar id-Drittijiet tal-Bniedem. L-Artikolu imsemmi jgħid:*

*1.Kull min ikun b'mod legittimu fil-limiti tat-territorju ta 'xi Stat għandu, fil-limiti ta 'dak it-territorju, ikollu d-dritt għal-liberta` ta 'moviment u l-liberta` li jagħzel ir-residenza tiegħu.*

*2. Kulħadd ikun liberu li jitlaq minn xi pajjiz, inkluz dak tiegħu nnifsu.*

*3. Ma għandhom jitqegħdu ebda restrizzjonijiet fuq l-esercizzju ta 'dawn id-drittijiet ħlief dawk li jkunu skont il-ligi u li jkunu meħtiega f'socjeta` demokratika f 'kull interess tas-sigurta` nazzjonali jew tas-sigurezza pubblika, għaz-zamma tal-ordni pubbliku, għall-prevenzjoni ta 'reati, għall-protezzjoni tas-saħħa jew tal-morali, jew għall-protezzjoni tad-drittijiet u l-libertajiet tal-oħrajn.*

*4. Id-drittijiet stipulati fil-paragrafu 1 jistgħu jkunu wkoll suggetti, f'arei partikolari, għal restrizzjonijiet imposti skont il-ligi u li jkunu gustifikati bl-interess pubbliku f'socjeta` demokratika.*

*9. Illi r-rikorrent jipprova jiżvija lil din l-Onorabbli Qorti meta jikkwota is-sentenza Battista vs Italy mogħtija mill-Qorti Ewropea fil-paragrafu 10 tar-rikors. Fil-fatt fil-każ imsemmi il-miżura li l-Qorti bħala waħda meħtieġa f'soċjeta demokratika kienet il-fatt li Battista*

*kien ġeu deprivat minn passaport jew karta tal-identita li tipermetti safar. Fi kliem il-Qorti:*

*'he was refused a passport or an identity which was valid for foreign travel on account of failure to make maintenance' (para 43 tas-sentenza).*

*10. Illi fil-każ odjern m'hemm l-ebda indikazzjoni li r-rikorrent huwa mwaqqaf milli jsiefer in konnessjoni mal-każijiet għall-ħlas ta' manteniment.*

*11. Illi la l-esponenti u lanaqs xi organu tal-Istat Malti b'xi mod inħdaħal fl-għażla tar-residenza tar-rikorrent jew b'xi mod impedixxa lir-rikorrent milli jitlaq minn Malta u għalhekk din it-talba ukoll hija totalment u manifestament infondata.*

*It-Tielet Talba*

*12. Illi rigward l-allegat ksur ta' dritt ta' smiegħ xieraq (Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem; Artikol 39 tal-Kostituzzjoni) fl-ewwel*

*lok ir-rikorrent għandu jispeċifika f'liema proċeduri partikolari ma ngħatax smiegħ xieraq u kif ukoll b'liema mod ġie leż dan id-dritt.*

*13. Illi fir-rikors tiegħu ir-rikorrent ma jilmenta li b'xi mod ma imgħatax smigħ imparzjali u pubbliku fi zmien ragonevoli minn tribunal indipendenti u imparzjali mwaqqaf b'ligi.*

*14. Illi r-rikorrent jittenta jerġa jiżvija lil din l-Onorabbli Qorti billi jikwota sentenza Karoonian vs CMEC u jipprova jekwivali dak li qalet il-Qorti f'dak il-każ għal dikjarazzjoni li sentenza priġunerija għal persuna li ma ħallsitx manteniment tmur kontra l-Artikol 6 (1) tal-Konvenzjoni. Meta wieħed jifli sew dak li kien meqjus kontra l-Artikolu 6 fis-sentenza msemmija, hija l-proċedura partikolari li tiġi segwita minn CMEC (Child Maintenance and Enforcement Commission) u mhux b'mod ġenerali pieni karċerarji fil-każ ta' nuqqas ta' ħlas ta' manteniment.*

*15. Illi jekk l-ilment partikolari tar-rikorrent jirreferu għaż-żmien twil li qed jieħdu l-proċeduri kontra tiegħu għall-ħlas ta' manteniment, ta' min jirrileva li huwa fil-fatt ir-rikorrent nnifsu li huwa responsabbli għall-biċċa 'l kbira tad-dewmien u għat-talbiet kontinwi tiegħu għal differimenti biex ittawwal u jippostponi l-ħlas tal-manteniment dovut minnu u jaqta' qalb l-esponenti. Dan ir-rikors fil-fatt ma huwa xejn ħlief l-enneżimu mezz biex ittawwal il-proċeduri kontra tiegħu u dan dejjem għad-detriment tal-esponenti.*

*Ir-Raba' Talba*

*16. Illi fir-rigward l-allegat ksur tad-dritt ta' liberta' u sigurta, jiġi preċiżat illi l-Artikolu 5 tal-Konvenzjoni jgħid:*

*1. Kulħadd għandu d-dritt għal-liberta` u għas-sigurta` tal-persuna. Ħadd ma għandu jigi pprivat mil-liberta` tiegħu ħlief fil-kazijiet li gejjin u skont il-procedura preskritta bil-ligi:*

*(a) id-detenzjoni skont il-ligi ta 'persuna wara li tinsab ħatja minn qorti kompetenti;*

*(b) l-arrest jew id-detenzjoni skont il-ligi ta 'persuna għal nuqqas ta 'tħaris ta 'ordni skont il-ligi ta 'qorti jew sabiex jigi zgurat it-twettiq ta 'xi obbligu preskritt mil-ligi;*

*(c) l-arrest jew detenzjoni skont il-ligi ta 'persuna effettwata sabiex tigi migjuba quddiem l-awtorita` legali kompetenti fuq suspett ragonevoli li tkun ikommettiet reat jew meta jkun meqjus ragonevolment meħtieg biex jigi evitat li tikkommetti reat jew li taħrab wara li tkun għamlet reat;*

*(d) id-detenzjoni ta 'minuri b'ordni skont il-ligi għall-iskop ta 'sorveljanza edukattiva jew id-detenzjoni tiegħu skont il-ligi sabiex jigi migjub quddiem l-awtorita` legali kompetenti;*

*(e) id-detenzjoni skont il-ligi ta 'persuni biex jigi evitat it-tixrid ta 'mard infettiv, ta 'persuni mhux f'sensihom, addetti għall- alkohol jew għad-drogi jew vagabondi;*

*(f) l-arrest jew id-detenzjoni skont il-ligi ta 'persuna biex jigi evitat li tidħol mingħajr awtorita` fil-pajjiz jew ta 'persuna li kontra tagħha tkun qed tittieħed azzjoni għad- deportazzjoni jew għall-estradizzjoni.*

*17. Illi qabel kollox ir-rikorrent għandu jindika f'liema istanzi partikolari huwa ġie ipprivat mil-liberta' in konnessjoni ma' nuqqas ta' ħlas ta' manteniment.*

*18. Illi sa fejn taf l-esponenti, ir-rikorrent qatt ma ġie deprivat mill-liberta in konnesjoni ma' nuqqas ta' ħlas ta' manteniment, mingħajr ma nstab ħati mill-qorti kompetenti. Għaldaqsant anki din it-talba hija għal kollox infondata.*

*Il-Ħames Talba*

*19. Illi dwar l-allegat ksur ta' l-Artikolu 3 tal- konvenzjoni u l-Artikolu 36 tal-Kostituzzjoni ma rriżulta minn imkien li r-rikorrent kien assoggettat għal tortura jew għal trattament jew piena inumana jew degradanti.*

*20. Illi kif ingħad kien ir-rikorrent stess li ġab is-sitwazzjoni odjerna ta' akkumulazzjoni ta' arretrati b'idejh, billi frott ta' pika u inkejja baqa' jirrifjuta li jħallas il-manteniment dovut. Kien ukoll ir-rikorrent nnifsu bil-passat kriminali tiegħu li qiegħed ruħu f'posizzjoni li ħadd ma jissogra jimpjegah u kien ir-rikorrent nnifsu li ma ħabrikx biżżejjed biex ma joħloqx xogħol għal rasu, biex*

*ikun jista' jmantni għall-inqas tnejn minn uliedu. Għalhekk il-fatt li kif jallega r-rikorrent jiddependi mill-karita tal-familjari tiegħu mhuwiex riżultat ta' xi għemil jew nuqqas tal-istat jew xi organu tiegħu, iżda huwa tort tal-ħajja li għażel huwa stess.*

*21. Illi l-esponenti taqbel ma' paragrafu 13 tar-risposta tal-Avukat Ġenerali u tagħmel tagħha l-osservazzjonijiet kontenuti fl-istess.*

*22. Illi l-piena fil-każ ta' nuqqas ta' ħlas ta' manteniment hija dik maħsuba għal kontravenzjonijiet u għaldaqstant ma tistax titqies bħala waħda inumana jew degradanti.*

*Is-Sitt Talba*

*23. Illi m'hemm l-ebda bażi fuq xiex l-Artikolu 338 (z) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta għandu jiġi ddikjarat null u bla effett.*

*Is-Seba' Talba*

*24. Illi qabel xejn r-rikorrent għandu jindika għal liema sentenzi qed jirreferi u dan għaliex hemm għadd ġmielu ta' sentenzi mogħtijin kontra tiegħu u mhux biss in konnessjoni ma' nuqqas ta' ħlas ta' manteniment.*

*25. Illi inoltre tal-inqas fir-rikors tiegħu ma pprovda l-ebda raġuni valida u sostanzjata li tivvizzja s-sentenzi mogħtijin kontra r-rikorrent.*

*It-Tmien Talba*

*26. Illi m'hemm lok għal ħlas ta' kumpens u fi kwalunkwe każ l-esponenti ma tista' qatt tiġi ordnata tħallas xi kumpens.*

*27. Illi l-esponenti lanqas għandha tbagħti spejjeż ta' dawn il-proċeduri.*

*Id-Disa' Talba*

*28. Illi m'hemm l-ebda lok għal rimedji u dan minħabba li ma jirriżulta l-ebda ksur tad-drittijiet tar-rikorrent.*

*Għaldaqstant fid-dawl tas-suespost l-esponenti umilment titlob lil din l-Onorabbli Qorti toġgħobha tiċħad it-talbiet kollha tar-rikorrent bl-ispejjeż kontra tiegħu.*

Semghet ix-xhiedha prodotti u rat l-affidavits pprezentati.

Rat id-dokumenti esebiti.

Rat il-processi tal-kawza **179/2008NC** fl-ismijiet *Isabelle Mercieca Frantz vs Fabio Psaila* deciz mill-Qorti tal-Appell fit-3 ta' Frar 2012 u tal-kawza **283/2013AGV** fl-ismijiet *Fabio Psaila vs Isabelle Mercieca Frantz* deciz mill-Qorti tal-Familja fil-25 ta' Gunju 2020, liema zewg processi gew allegati ma' dan il-process odjern b'digriet moghti waqt l-udjenza tat-2 ta' Frar 2021.

Rat in-noti ta' sottomissjonijiet ta' dawk il-partijiet li ressquha u semghet it-trattazzjoni orali tad-difensuri tal-partijiet waqt l-udjenza tad-9 ta' Marzu 2022 u rat illi l-kawza thalliet ghall-llum ghad-decizjoni.

**Ikkunsidrat:**

Illi b'din l-odjerna procedura, ir-rikorrent Fabio Psaila qed jilmenta minn lezjoni tad-drittijiet fonadamentali tieghu fl-isfond ta' proceduri illi huwa kellu jghaddi minnhom quddiem il-Qorti tal-Familja u l-Qorti Kriminali.
**Rizultanti Fatti (in succint):**

Ir-**Rikorrent Fabio Psaila** fil-fatt ighid fir-rikors promotur tieghu illi b'sentenza tal-Qorti Civili (Sezzjoni Familja) tal-1 ta' Marzu 2011 u kkonfermata mill-Qorti tal-Appell fit-3 ta' Frar 2012, huwa kien ordnat ihallas manteniment mensili versu uliedu minuri, fl-ammont ta' mija u erbghin Euro (€140) fix-xahar ghal kull wild, ammontanti ghal mitejn u tmenin Euro (€280) fix-xahar manteniment meta huwa jippercepixxi biss tlett mitt Euro (€300) fix-xahar minn beneficcju socjali.

Jghid ukoll illi minhabba "*pubblicita' negattiva qawwija mill-mezzi tat-telekomunikazzjoni u social media*", huwa gie f'impossibbilita' li jsib impjieg regolari u bi qligh. Jghid illi huwa ghadu prezunt innocenti imma gja gie kkundannat mill-popolin u hadd ma jrid jimpjegah.

Jippremetti illi konsegwenza ta' incident awtomobilistiku illi kien involut fih, huwa sofra dizabilita' permanenti u dan kollu f'daqqa, poggieh f'impossibilita' illi jhallas il-menteniment.

Jikkontendi illi piena ta' prigunerija meta huwa nstab hati illi ma hallasx mantentiment jilledu d-drittijiet fondamentali tieghu u kien biss minhabba l-karita' da parti ta' membri tal-familja tieghu illi ma nstabx hati ghal aktar drabi.

Meta ddepona fl-udjenza tal-21 ta' Ottubru 2019[1], ir-rikorrent qal fost ohrajn illi mir-relazzjoni li kellu mal-kjamata in kawza kellu tlett ulied. Jghid ukoll illi minhabba l-kondotta tieghu kien jitlef ix-xoghol ta' spiss. Jikkonferma illi kien hemm okkazjonijiet li spicca l-habs ghaliex ma hallasx il-menteniment li kien dovut skond is-sentenzi tal-Qrati. Jghid illi anke ghamel kawza, 283/13 sabiex ibiddel il-manteniment dovut peress illi minkejja tentattivi li kienu saru qabel, il-manteniment ma nbidilx.
Jghid ukoll illi minn sena u tmien xhur qabel ma ddepona, (allura cirka Jannar 2018), huwa spicca b'dizabilita' severa u qed izommu milli jahdem.

Fl-affidavit tieghu[2] huwa jzid ighid illi wiehed mill-wild twieled qabel ma beda jiskonta sentenza ta' erba` snin habs fi Sqallija mentri t-tieni wild twieled meta kien wasal biex jiskonta s-sentenza kollha, peress illi Isabelle Mercieca Frantz kienet titla' tarah hemmek. Jghid illi ebda wiehed mill-wild ma gew registrati fuqu mar-Registru Pubbliku. Sussegwentament, twieldet it-tielet wild li kienet giet registrata fuqu.
Jghid illi kellu relazzjoni tajba mat-tfal, kemm qabel, kemm waqt u kif ukoll wara li skonta sentenza ta' habs ta' sentejn fil-Facilita' Korrettiva ta' Kordin. Izda mbaghad jghid illi kien sar rapport fuqu illi kien refa' idejh fuq il-wild il-kbir, u minkejja li tressaq il-Qorti u gie liberat, ir-relazzjoni marret ghall-aghar sakemm anke gew inizjalati proceduri quddiem il-Qorti tal-Familja u nghata d-digriet tal-manteniment, li jsostni, illi omm l-ulied kienet taf illi ma setghax ihallas. Jghid illi dejjem ghamel li seta' anke bil-ghajnuna ta' familjari, imma meta ma wasalx biex ihallas, kien qed jehel habs jew detenzjoni.
Jispjega ukoll illi minhabba l-fedina pendali u ukoll minhabba reati illi allegatament sehhew snin ilu u li uhud minnhom ghandu ma tressaqx dwarhom, imma li l-medja tibqa' ssemmi – huwa ma jistghax isib xoghol.

Omm ir-rikorrenti, **Mary Psaila** tghid fl-affidavit taghha[3], illi binha kellu relazzjoni ma' Isabelle Mercieca Frantz u bejniethom kellhom tlett it-tfal, tnejn minnhom rikonoxxuti minn binha (Miguel Alfredos u Zuleika). Tghid illi gieli tat xi haga tal-flus lil binha sabiex jixtri xi haga ghat-tfal meta jkollu access ghalihom.

Oht ir-rikorrenti, **Claudia Zammit[4]** tghid illi hija kienet tixtri rigali ghall-minuri u regolarment thallas hi l-manteniment dovut minn huha Fabio ghall-minuri permezz ta' cheques, flus kontanti jew bank transfers.

Oht ohra tar-rikorrent, **Isabelle Magro[5]** tghid illi minhabba s-sitwazzjoni finanzjarja illi huha jinsab fiha, hija tahsillu l-hwejjeg, ttih jiekol u ttaffilu l-ispejjes kemm tista` inkluz illi ighix ghandha. Tghid illi hwejjeg u xirjiet gieli ghamlet ghall-minuri tar-rikorrent.

---

[1] Fol 90
[2] Fol 146
[3] Fol 138
[4] Fol 139
[5] Fol 140

**Alexandra sive Sandy Farrugia**[6] tghid illi ilha taf lir-rikorrent ghal madwar ghaxar snin. Tghid illi huwa jhobb lil uliedu u taf ukoll illi ilu jfittex impjieg b'mod attiv. Tispjega illi r-rapporti li taghmillu omm l-ulied fuq nuqqas ta' hlas ta' manteniment irawwmu dwejjaq, inkwiet, ansjeta' u frustrazzjoni lir-rikorrent. Tghid illi r-rikorrent ihossu umiljat illi jrid jittallab ghal flus biex jevita l-habs, u taf ukoll illi gieli ddejjen minn gahnd terzi.

**Connie Azzopardi** (in rapprezentanza tad-Dipartiment tas-Sigurta' Socjali)[7] esebiet DOK CA2 li juri l-ghajnuna socjali u l-*unemployment assistance* illi r-rikorrent kien u ghadu qed jippercepixxi. Esebiet ukoll DOK CA3 li juri r-rata ta' *disability assistance* illi huwa jircievi u DOK CA4 li huwa s-sickness assistance minnhu percepit. Tghid illi b'kollox fil-gimgha qed jippercepixxi cirka mija u hames Euro u tmienja u tmenin centezmu (€105.88), bejn *social assitance*, *disability assistance* u ghajnuna tal-mard, anke jekk jirrizulta illi d-*disability assistance* beda jehodha minn Mejju 2019.

**Joseph Saliba** (in rapprezentanza ta' Jobs Plus)[8] esebixxa *employment history* tar-rikorrent (DOK JOB 1), *registration history* (DOK JOB 2) u *submission history* (DOK JOB 3).
Jispjega illi l-ewwel dokument jispjega l-postijiet tax-xoghol fejn hadem ir-rikorrent, it-tieni dokument jaghti taghrif dwar meta rrikorra l-JobsPlus ghall-ghajnuna biex isib xoghol u t-tielet dokument jirrifletti l-preferenza tal-positijiet tax-xoghol li xtaq hu kif registrata mal-JobsPlus.
Jispjega illi r-records iwasslu sa' Frar 2018 meta minhabba xi mard, kien riferut lid-Dipartiment tas-Sigurta' Socjali.

**Anita Cassar Inguanez**, Advisor mal-JobsPlus, qalet[9] illi damet advisor ta' Fabio Psaila ghal madwar sena, f'liema perjodu ghalhekk kienet tghinu jsib xoghol. Tghid illi kien jaghmel l-almu tieghu biex isib xoghol. Tghid ukoll illi jekk persuna bhal ma kien ir-rikorrenti, ma jattendix ghas-*sessions* l-JobsPlus, bhal ma kienu dawk maghha, allura seta' jitlef il-beneficcji ghaliex jinqata' mir-registru.

Illi bin-nota tieghu tal-15 ta' Frar 2019[10], ir-rikorrent indika tnax il-procedura kriminali li konsegwenza taghhom ihoss illi huwa sofra lezjoni ghad-dritt tieghu ghal smiegh xieraq u trattament inuman u degredanti.
Ukoll, esebixxa elenku ta' proceduri kriminali li f'dak il-mument kien qed jaffaccja fuq kwereli tal-kjamat in kawza, lista' ta' kawzi pendenti quddiem l-Appell Kriminali u kif ukoll sentenzi tal-Qorti tal-Appell Kriminali wara appelli maghmula mir-rikorrenti.

---

[6] Fol 183
[7] Fol 81
[8] Fol 115
[9] Fol 149
[10] Fol 31

Illi bin-nota tieghu tad-9 ta' Novembru 2020, ir-rikorrent pprezenta l-fedina penali tieghu.

Ma jirrizultax ikkontestat dak li ddikjarat il-kjamata in kawza Isabelle Mercieca Frantz fir-risposta taghha meta tghid illi fid-data tal-prezentata tar-rikors promotur, il-manteniment dovut mir-rikorrent kien gja dimezzat ghal €140 fix-xahar peress illi b'effett minn Marzu 2018, wiehed mill-wild kien beda jahdem full-time.

Ukoll jidher inkontestat dak li tghid fir-risposta taghha l-kjamat in kawza, cioe` illi r-rikorrenti kien akkumula arrettrati kbar ta' hlasijiet u mbaghad ihallas biss *in extremis* meta' jkun imissu l-kawza kriminali fl-istadju tal-Appell sabiex il-Qorti tat-tieni istanza tirriforma s-sentenza tal-ewwel qorti.

L-istess Isabelle Mercieca Frantz tiddikjara illi l-Qorti tal-Familja qieset l-aspetti kollha sollevati mir-rikorrenti meta stabbiliet il-manteniment, inoltre' pjuttost baxx, ghall-minuri, tant li qieset kemm il-fedina penali tieghu u kif ukoll il-fatt illi f'dak iz-zmien tad-digriet, ir-rikorrent kien qed jinzamm il-habs wara illi kien ilu ghal diversi gimghat imfittex mill-Pulizija. Tghid ukoll illi jekk ghandu diffikulta' biex isib u jzomm impjieg, xejn ma jzommu milli jahdem ghal rasu, kif fil-fatt gieli ghamel fuq il-monti tal-Birgu.

**Ikkunsidrat ulterjorment:**

Illi r-rikorrent qieghed jilmenta illi gew lezi d-drittijiet tieghu fuq numru ta' provvedimenti tal-Kostituzzjoni, tal-KAP 319 u/jew tal-Konvenzjoni Ewropeja dwar id-Drittijiet tal-Bniedem, li ser jigu trattati kollha.

- **L-Artikolu 1 tar-Raba' Protokol** tal-Konvenzjoni Ewropeja dwar id-Drittijiet tal-Bniedem, li jaqra hekk:

  *Artikolu 1 Projbizzjoni ta' priġunerija għal dejn*

  *Ħadd ma għandu jiġi pprivat mil-libertà tiegħu unikament minhabba fl-inkapaċità tiegħu li jwettaq obbligazzjoni kuntrattwali.*

L-Avukat Generali jilqa' ghal dan billi fit-tielet eccezzjoni tieghu huwa ighid illi r-rikorrenti jaghmel accenn ghal zewg tipi ta' kawzi kriminali, (a) dawk il-kawzi kriminali fejn instab hati u li pero` ma indikahomx – haga pero` li saret sussegwentament bin-nota tar-rikorrenti tal-15 ta' Ottubru 2019, u (b) dawk l-kawzi fejn ir-rikorrent ighid illi "*ghadu ma giex imressaq dwarhom quddiem il-Qorti kriminali*", fir-rigward ta' liema, l-Avukat Generali ighid illi l-ilment tar-rikorrent huwa intempestiv.

Di piu`, fir-raba' eccezzjoni l-Avukat Generali jghid illi r-rikorrenti ma jistax jinvoka dan l-artikolu peress illi ma kien hemm ebda obbligazzjoni

kontrattwali involuta. Jirreferi ghall-kummentarju u r-rapport spjegattiv ghal dan il-Protokoll, u jikkwota "*Such obligations must, however, arise out of contract. This Article does not apply to obligations arising from legislation in public or private law*". Jsostni illi l-akkuzi kriminali illi jaffaccja r-rikorrent huma rizultat ta' nuqqas ta' harsien ta' ordni tal-Qorti, liema ordni nharget bis-sahha tal-ligi.

Ta' l-istess hsieb kienet il-kjamata in kawza fir-risposta taghha (para 5 sa 7).

L-Avukat Generali, fit-tmien eccezzjoni tieghu, jsostni illi l-fatt inniffsu illi r-rikorrenti ghandu mizuri x'jiehu quddiem il-Qorti tal-Familja biex ivarja jew inehhi l-obbligu tal-manteniment li allura ma jibqax soggett ghall-artikolu 338(z) tal-KAP 9, iwassal sabiex wiehed jikkonkludi illi allura b'mod oggettiv u generiku ma hemm xejn hazin kontra l-Artikolu 1 tar-Raba' Protokoll.

Ulterjorment isostni fid-disa' eccezzjoni, illi l-Artikolu 1 tar-Raba' Protokoll jghodd biss fejn ikun hemm inabilita' li jigi mwettaq obbligu kontrattwali u mhux diffikulta'. Jghid illi r-rikorrenti ma rnexxilux jipprova u jikkonvinci lill-Qorti tal-Familja u kif ukoll lill-Qorti Kriminali illi jinsab fl-impossibilita' illi jhallas l-manteniment u din il-Qorti ma ghandiex tasal ghal konkluzjoni diversa.

Il-Qorti tqis illi l-obbligu illi kellu/ghandu r-rikorrent illi jhallas l-manteniment ghall-wild tieghu minuri mhux gej minn obbligazzjoni kontrattwali, izda minn decizjoni tal-Qorti li gja saret referenza ghaliha hawn aktar il-fuq.

Issir referenza ghal dak gja deciz minn din il-Qorti diversament preseduta fit-30 ta' Ottubru 2019 u kkonfermata mill-Qorti Kostituzzjonali[11] meta intqal:

> *Il-Qorti tqis li l-obbligazzjoni li naqas illi jwettaq ir-rikorrent kienet wahda imposta minn Qorti u tikkostitwixxi ksur ta' ordni tal-Qorti, u mhux wahda gejja minn kuntratt, u ghalhekk l-Ewwel Artiklu tar-Raba' Protokoll tal-Konvenzjoni Ewropeja mhux applikabbli.*
> *.........................*
> *.................Tqis ghalhekk li l-Ewwel Artikolu tar-Raba' Protokoll ma kienx mahsub biex jinkludi fl-ambitu tieghu obbligazzjonijiet bhal hlas ta' manteniment u lanqas ma kien mahsub biex jipprotegi lil individwu minn piena karcerarja f'kaz illi jonqos li jottempra ruhu ma' ordni tal-Qorti.*

Din il-Qorti taghmel taghha l-insenjament ta' dik is-sentenza kkonfermata mill-Qorti Kostituzzjonali u ghalhekk **sejra tichad l-ewwel talba** tar-rikorrent.

---

[11] **674/2017 Miguel Degiorgio vs Avukat Generali et**

- **L-Artikolu 2 tar-Raba' Protokol** tal-Konvenzjoni Ewropeja dwar id-Drittijiet tal-Bniedem, li jaqra hekk:

  *Artikolu 2 - Libertà ta' moviment*

  *1. Kull min ikun b'mod leġittimu fil-limiti tat-territorju ta' xi Stat għandu, fil-limiti ta' dak it-territorju, ikollu d-dritt għal-libertà ta' moviment u l-libertà li jagħżel ir-residenza tiegħu.*
  *2. Kulħadd ikun liberu li jitlaq minn xi pajjiż, inkluż dak tiegħu nnifsu.*
  *3. Ma għandhom jitqegħdu ebda restrizzjonijiet fuq l-eserċizzju ta' dawn id-drittijiet ħlief dawk li jkunu skont il-liġi u li jkunu meħtieġa f'soċjetà demokratika f'kull interess tas-sigurtà nazzjonali jew tas-sigurezza pubblika, għaż-żamma tal-ordni pubbliku, għall-prevenzjoni ta' reati, għall-protezzjoni tas-saħħa jew tal-morali, jew għall-protezzjoni tad-drittijiet u l-libertajiet tal-oħrajn.*
  *4. Id-drittijiet stipulati fil-paragrafu 1 jistgħu jkunu wkoll suġġetti, f'arei partikolari, għal restrizzjonijiet imposti skont il-liġi u li jkunu ġustifikati bl-interess pubbliku f'soċjetà demokratika.*

F'dan ir-rigward, fit-tieni eccezzjoni tieghu, l-Avukat Generali ighid illi l-kawza ma tirrigwardax dan il-jedd, u huwa aktarx minnhu illi dan l-artikolu gie invokat bi zball.

Ulterjorment, fir-risposta taghha, il-kjamat in kawza tirreferi ghal kaz **Battista vs Italy**, li jaghmel accenn ghalih ir-rikorrent stess fir-rikors promotur tieghu u tippuntwalizza, fid-9 paragrafu, illi r-rikorrent ried jizvija lill-Qorti peress dak il-kaz ghandu fatti specie differenti ghal kollox, trattandosi ta' persuna li kienet rijfutata il-hrug ta' passaport. Tghid illi rizultat tal-proceduri kriminali illi affaccja r-rikorrent ma kellu ebda impediment illi jsiefer.

Il-Qorti tqis illi l-Artiklu 2 tar-Raba' Protokoll jittratta il-garanzija ta' *three distinct rights: freedom of movement and freedom to choose one's own residence within a State's territory (set out in the first paragraph), as well as freedom to leave any country, including one's own (set out in the second paragraph).*[12]

Ma jirrizulta mkien mill-atti illi r-rikorrent qed jilmenta minn lezjoni ta' tali drittijiet u wisq anqas illi kien hemm tali lezjoni ta' tali drittijiet tar-rikorrenti – u ghalhekk din il-Qorti **sejra tichad ukoll it-tieni talba** tar-rikorrenti.

- **L-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropeja** dwar id-Drittijiet tal-Bniedem, li jaqra hekk:

  *ARTIKOLU 6*

[12] Guide on Article 2 of Protocol No. 4 to the European Convention on Human Rights

*(1) Fid-deċiżjoni tad-drittijiet ċivili u tal-obbligi tiegħu jew ta' xi akkuża kriminali kontra tiegħu, kulħadd huwa ntitolat għal smigħ imparzjali u pubbliku fi żmien raġonevoli minn tribunal indipendenti u imparzjali mwaqqaf b'liġi. Is-sentenza għandha tingħata pubblikament iżda l-istampa u l-pubbliku jista' jiġi eskluż mill-proċeduri kollha jew minn parti minnhom fl-interess tal-morali, tal-ordni pubbliku jew tas-sigurtà nazzjonali f'soċjetà demokratika, meta l-interessi tal-minuri jew il-protezzjoni tal-ħajja privata tal-partijiet hekk teħtieġ, jew safejn ikun rigorożament meħtieġ fil-fehma tal-qorti f'ċirkostanzi speċjali meta l-pubbliċità tista' tippreġudika l-interessi tal-ġustizzja.*
*(2) Kull min ikun akkużat b'reat kriminali għandu jiġi meqjus li jkun innoċenti sakemm ma jiġix pruvat ħati skont il-liġi.*
*(3) Kull min ikun akkużat b'reat kriminali għandu d-drittijiet minimi li ġejjin:*
*(a) li jkun infurmat minnufih, b'lingwa li jifhem u biddettal, dwar in-natura u r-raġuni tal-akkuża kontra tiegħu;*
*(b) li jkollu żmien u faċilitajiet xierqa għall-preparazzjoni tad-difiża tiegħu;*
*(ċ) li jiddefendi ruħu persunalment jew permezz ta' assistenza legali magħżula minnu stess jew, jekk ma jkollux mezzi biżżejjed li jħallas l-assistenza legali, din għandha tingħata lilu b'xejn meta l-interessi tal-ġustizzja jeħtieġu hekk;*
*(d) li jeżamina jew li jara li jiġu eżaminati xhieda kontra tiegħu u li jottjeni l-attendenza u l-eżami ta' xhieda favur tiegħu taħt l-istess kundizzjonijiet bħax-xhieda kontra tiegħu;*
*(e) li jkollu assistenza b'xejn ta' interpretu jekk ma jkunx jifhem jew jitkellem il-lingwa użata fil-qorti.*

- **L-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni u l-Kap 319** tal-Ligijiet ta' Malta,

*39.(1) Kull meta xi ħadd ikun akkużat b'reat kriminali huwa għandu, kemm-il darba l-akkuża ma tiġix irtirata, jiġi mogħti smigħ xieraq għeluq żmien raġonevoli minn qorti indipendenti uimparzjali mwaqqfa b'liġi.*
*(2) Kull qorti jew awtorità oħra ġudikanti mwaqqfa b'liġi għad-deċiżjoni dwar l-eżistenza jew l-estensjoni ta' drittijiet jew obbligi ċivili għandha tkun indipendenti u imparzjali; u meta l-proċeduri għal deċiżjoni bħal dik huma mibdija minn xi persunaquddiem qorti jew awtorità oħra ġudikanti bħal dik, il-każ għandu jiġi mogħti smigħ xieraq għeluq żmien raġonevoli.*
*(3) Ħlief bil-ftehim tal-partijiet kollha, il-proċeduri kollha ta'kull qorti u l-proċeduri dwar id-deċiżjoni tal-eżistenza jew l-estensjoni tad-drittijiet jew obbligi ċivili ta' persuna quddiem xiawtorità ġudikanti oħra, magħdud il-pronunzjament tad-deċiżjonital-qorti jew awtorità oħra, għandhom jinżammu fil-pubbliku.*

*(4) Ebda ħaġa fis-subartikolu (3) ta' dan l-artikolu ma għandha timpedixxi lil xi qorti jew xi awtorità bħalma hija msemmija f'dak is-subartikolu milli teskludi mill-proċeduri persuni li ma jkunux il-partijiet tal-proċeduri u r-rappreżentanti legali tagħhom –*
*(a) fi proċeduri quddiem qorti ta' ġurisdizzjoni volontarjau proċeduri oħra li, fil-prattika tal-Qrati f'Malta jiġu, jew huma tal-istess xorta bħal dawk li jiġu, deċiżi in camera;*
*(b) fi proċeduri skont xi liġi dwar it-taxxa fuq l-income; jew*
*(ċ) safejn il-qorti jew awtorità oħra –*
*(i) tista' tqis meħtieġ jew espedjenti f'ċirkostanzi lifihom il-pubbliċità tista' tippreġudika l-interessi tal-ġustizzja; jew*
*(ii) jista' jkollha setgħa jew tkun meħtieġa b'liġi li tagħmel hekk fl-interess tad-difiża, sigurtà pubblika, ordni pubbliku, moralità jew deċenzapubblika, il-ġid ta' persuni taħt l-età ta' tmintax-il sena jew il-protezzjoni tal-ħajja privata ta'persuni li jkollhom x'jaqsmu mal-proċeduri.*
*(5) Kull min jiġi akkużat b'reat kriminali għandu jiġi meqjus lijkun innoċenti sakemm jiġi pruvat jew ikun wieġeb li huwa ħati:Iżda ebda ħaġa li hemm fi jew magħmula skont l-awtoritàta' xi liġi ma titqies li tkun inkonsistenti ma' jew bi ksur ta' dan is-subartikolu safejn dik il-liġi timponi fuq xi persuna akkużata kifintqal qabel il-piż tal-prova ta' fatti partikolari.*
*(6) Kull min ikun akkużat b'reat kriminali –*
*(a) għandu jiġi nformat bil-miktub, b'ilsien li huwa jifhemu bid-dettalji, dwar ix-xorta tar-reat li bih ikunakkużat;*
*(b) għandu jiġi mogħti żmien u faċilitajiet xierqa għall-preparazzjoni tad-difiża tiegħu;*
*(ċ) għandu jitħalla jiddefendi ruħu personalment jewpermezz ta' rappreżentant legali u min ma jkunx jista'jħallas għal rappreżentanza legali hekk kif tkunmeħtieġa raġonevolment miċ-ċirkostanzi tal-każtiegħu jkollu dritt li jkollu dik ir-rappreżentanza bispejjeż pubbliċi;*
*(d) għandu jiġi mogħti faċilitajiet biex jeżaminapersonalment jew permezz tar-rappreżentant legalitiegħu x-xhieda msejħa mill-prosekuzzjoni quddiemkull qorti u li jikseb l-attendenza ta' xhieda suġġettgħall-ħlas tal-ispejjeż raġonevoli tagħhom, u jagħmell-eżami tax-xhieda li jkunu ser jixhdu għalih quddiemil-qorti bl-istess kondizzjonijiet bħal dawk li jgħoddugħal xhieda msejħa mill-prosekuzzjoni; u*
*(e) għandu jitħalla li jkollu bla ħlas l-għajnuna ta'interpretu jekk ma jkunx jista' jifhem l-ilsien użat fil-proċeduri dwar l-akkuża,u ħlief bil-kunsens tiegħu stess il-proċeduri ma jistgħux jinżammufl-assenza tiegħu ħlief jekk huwa jġib ruħu hekk li jagħmel it-tkomplija tal-proċeduri fil-preżenza tiegħu imprattikabbli u l-qortitkun ordnat li jiġi mwarrab u li l-proċeduri jitkomplew fl-assenza tiegħu.*
*(7) Meta xi ħadd jgħaddi proċeduri dwar reat kriminali, il-persuna akkużata jew xi persuna awtorizzata minnha għal hekkgħandha, jekk*

*hekk teħtieġ u bi ħlas ta' dak id-dritt raġonevoli lijista' jkun preskritt b'liġi, tiġi mogħtija fi żmien raġonevoli wara s-sentenza kopja għall-użu tal-persuna akkużata ta' kull inkartamenttal-proċeduri magħmula minn jew għan-nom tal-qorti.*
*(8) Ħadd ma għandu jitqies li jkun ħati ta' reat kriminali minħabba f'xi att jew omissjoni li, fil-ħin meta jkun sar, ma jkunx jikkostitwixxi reat bħal dak, u ebda piena ma għandha tiġi mpostagħal xi reat kriminali li tkun aktar severa fi grad jew xorta mill-ogħla piena li setgħet tiġi mposta għal dak ir-reat fiż-żmien meta jkun ġie magħmul.*
*(9) Ebda persuna li turi li tkun għaddiet proċeduri quddiem xiqorti kompetenti għal reat kriminali u jew tkun ġiet misjuba ħatjajew liberata ma għandha terġa' tgħaddi proċeduri għal dak ir-reatjew għal xi reat kriminali ieħor li għalih setgħat tiġi misjuba ħatjafil-proċeduri għal dak ir-reat ħlief wara ordni ta' qorti superjurimogħti matul il-kors ta' appell jew proċeduri ta' reviżjoni dwar id-dikjarazzjoni ta' ħtija jew liberazzjoni; u ebda persuna ma għandhatgħaddi proċeduri għal reat kriminali jekk turi li tkun ħadet il-maħfra għal dak ir-reat: Iżda ebda ħaġa f'xi liġi ma għandha titqies li tkun inkonsistenti ma' jew bi ksur ta' dan is-subartikolu minħabba bissli tawtorizza xi qorti li tagħmel proċeduri kontra membru ta' korpdixxiplinat għal reat kriminali nonostanti kull proċeduri udikjarazzjoni ta' ħtija jew liberazzjoni ta' dak il-membru skont il-liġi dixxiplinarja ta' dak il-korp, imma hekk illi kull qorti li tkunhekk tiġġudika dak il-membru u li hekk issibu ħati għandha metatikkundannah għal xi piena tieħu kont ta' kull piena mogħtija lilu skont dik il-liġi dixxiplinarja.*
*(10) Ebda persuna li tgħaddi proċeduri għal reat kriminali magħandha tkun obbligata li tixhed fil-proċeduri kontra tagħha.*
*(11) F'dan l-artikolu "rappreżentant legali" tfisser persunaintitolata li teżerċita f'Malta bħala avukat jew, ħlief dwar proċeduriquddiem qorti fejn prokuratur legali ma għandux dritt ta' smigħ, prokuratur legali.*

Migbura f'daqqa l-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropeja u l-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta, l-Avukat Generali fit-tnax il-eccezzjoni tieghu jsostni l-inapplikabilita' tal-principji ta' smigh xieraq ghall-kaz in ezami, in kwantu illi ma hemmx allegazzjonijiet ta' smigh fi zmien irragjonevoli minn tribunal parzjali u mhux indipendenti.

Il-kjamat in kawza ssostni l-istess linja ta' hsieb fir-risposta taghha u zzid tghid illi r-referenza maghmula mir-rikorrenti ghall-kaz **Karoonian vs CMEC** ma titrattax kaz ta' qorti kompetenti illi infliggiet sentenza karcerarja ghall-akkuzi ta' nuqqas ta' hlas ta' maneteniment fuq ordni tal-qorti, imma proceduri segwiti mic-Child Maintenance and Enforcement Commission.

Fir-rikors promotur issir referenza ghal dak li ighidu l-Guidance Notes on Article 6 of the Convention (civil limb) u tigi kkwotata is-segwenti:

> *108. A distinction has to be made between debts owed by the State (Burdov v. Russia (no. 2), §§ 68- 69, 72 et seq.) and those owed by an individual: the responsibility of the State cannot be engaged on account of non-payment of an enforceable debt as a result of the insolvency of a "private" debtor (Sanglier v. France, § 39; Ciprová v. the Czech Republic (dec.); Cubanit v. Romania (dec.)). Nevertheless, the State has a positive obligation to organise a system for enforcement of final decisions in disputes between private persons that is effective both in law and in practice[13] (Fuklev v. Ukraine, § 84). The State's responsibility may therefore be engaged if the public authorities involved in enforcement proceedings fail to display the necessary diligence, or even prevent enforcement (ibid., § 67). The measures taken by the national authorities to secure enforcement must be adequate and sufficient for that purpose (Ruianu v. Romania, § 66), in view of their obligations in the matter of execution, since it is they who exercise public authority (ibid., §§ 72-73).*

Ir-rikorrenti pero` jonqos milli jzid ighid illi l-istess guidance notes ighidu ukoll :

> *110. Nevertheless, where the State has taken all the steps envisaged by the law to ensure that a private individual complies with a decision, the State cannot be held responsible for the debtor's refusal to comply with his obligations (Fociac v. Romania, §§ 74 and 78).*

Il-Qorti tqis mis-sewwa dak ecceppit mill-intimat Avukat Generali u l-kjamat in kawza. Izzid tghid pero` illi ftit qed tifhem ghaliex ir-rikorrent invoka dawn iz-zewg provvedimenti, u tinnota illi anke fin-nota ta' sottomissjonijiet finali tieghu, ir-rikorrenti lanqas ma ttratta l-ilmenti tieghu a bazi ta' dawn il-provvedimenti.

Jinghad pero` illi dak li tipprovdi l-ligi bl-artikolu 338(z) tal-KAP 9 tal-Ligijiet ta' Malta u l-proceduri mehuda ai termini tal-istess artikolu tal-ligi mhu xejn ghajr azzjoni posittiva ta' l-istat biex tara u tassikura dak li trid il-Konvenzjoni, ossia, sistema organizzata, jew parti minnha, sabiex ikun assikurat illi decizjonijiet finali f'disputi bejn zewg partijiet, f'dan il-kaz fl-ambitu familjari u d-dritt tal-minuri illi jigu mantnuti mill-genituri, ikunu enforzati b'mod effettiv u skond il-ligi.

Fid-dawl ta' dan, din il-Qorti **sejra ukoll tghaddi biex tichad it-tielet talba** tar-rikorrenti.

---

[13] Sottolinear ghall-emfasi

- **L-Artikolu 5 tal-Konvenzjoni Ewropeja** dwar id-Drittijiet tal-Bniedem,

*(1) Kulħadd għandu d-dritt għal-libertà u għas-sigurtà tal-persuna. Ħadd ma għandu jiġi ipprivat mil-libertà tiegħu ħlief fil-każijiet li ġejjin u skont il-proċedura preskritta bil-liġi:*
*(a) id-detenzjoni skont il-liġi ta' persuna wara li tinsab ħatja minn qorti kompetenti;*
*(b) l-arrest jew id-detenzjoni skont il-liġi ta' persuna għal nuqqas ta' tħaris ta' ordni skont il-liġi ta' qorti jew sabiex jiġi żgurat it-twettiq ta' xi obbligu preskritt mil-liġi;*
*(ċ) l-arrest jew detenzjoni skont il-liġi ta' persuna effettwata sabiex tiġi miġjuba quddiem l-awtorità legali kompetenti fuq suspett raġonevoli li tkun ikommettiet reat jew meta jkun meqjus raġonevolment meħtieġ biex jiġi evitat li tikkommetti reat jew li taħrab wara li tkun għamlet reat;*
*(d) id-detenzjoni ta' minuri b'ordni skont il-liġi għall-iskop ta' sorveljanza edukattiva jew id-detenzjoni tiegħu skont il-liġi sabiex jiġi miġjub quddiem l-awtorità legali kompetenti;*
*(e) id-detenzjoni skont il-liġi ta' persuni biex jiġi evitat it-tixrid ta' mard infettiv, ta' persuni mhux f'sensihom, addetti għall-alkohol jew għad-drogi jew vagabondi;*
*(f) l-arrest jew id-detenzjoni skont il-liġi ta' persuna biex jiġi evitat li tidħol mingħajr awtorità fil-pajjiż jew ta' persuna li kontra tagħha tkun qed issir kawża għad deportazzjoni jew għall-estradizzjoni.*
*(2) Kull min ikun arrestat għandu jiġi nfurmat minnufih, f'lingwa li jifhem, dwar ir-raġunijiet tal-arrest tiegħu u dwar kull akkuża kontra tiegħu.*
*(3) Kull min ikun arrestat jew detenut skont id-disposizzjonijiet tal-paragrafu (1) (ċ) ta' dan l-Artikolu għandu jinġieb minnufih quddiem imħallef jew funzjonarju ieħor awtorizzat b'liġi biex jeżerċita setgħa ġudizzjarja u jkollu dritt għal proċeduri fi żmien raġonevoli jew għal ħelsien waqt pendenza tal-proċeduri. Il-ħelsien jista' jkun taħt kundizzjoni ta' garanzija biex jidher għall-proċeduri.*
*(4) Kull min ikun ipprivat mil-libertà tiegħu b'arrest jew detenzjoni jkollu dritt li jagħmel proċeduri biex il-legalità taddetenzjoni tiegħu tiġi deċiża malajr minn qorti u l-libertà tiegħu tiġi ordnata jekk id-detenzjoni ma tkunx skont il-liġi.*
*(5) Kull min ikun vittma ta' arrest jew detenzjoni bi ksur tad-disposizzjonijiet ta' dan l-Artikolu jkollu dritt esegwibbli għal kumpens.*

Fir-risposta taghha, il-kjamat in kawza tghid illi r-rikorrent qatt ma gie pprivat mill-liberta' ghaliex ma hallasx manteniment, izda fejn kien il-kaz ta' piena karcerarja, dan kien minhabba illi r-rikorrent ma obdiex l-ordni tal-qorti.

- **L-Artikolu 34 tal-Kostituzzjoni u l-Kap 319** tal-Ligijiet ta' Malta li jaqra hekk:

*Hadd ma għandu jiġi pprivat mill-libertà personali tiegħu ħlief kif jista' jkun awtorizzat b'liġi fil-każijiet li ġejjin, jiġifieri –*
*(a) bħala konsegwenza tal-inkapaċità tiegħu li jwieġeb għal akkuża kriminali;*
*(b) fl-esekuzzjoni tas-sentenza jew ordni ta' qorti, sew Malta sew band'oħra dwar reat kriminali li tiegħu ikun ġie misjub ħati;*
*(ċ) fl-esekuzzjoni tal-ordni ta' qorti li tikkundannah għal disprezz lejn dik il-qorti jew lejn qorti jew tribunal ieħor jew fl-esekuzzjoni tal-ordni tal-Kamra tad-Deputati li tikkundannah għal disprezz lejha stess jewlejn il-membri tagħha jew għal ksur ta' privileġġ;*
*(d) fl-esekuzzjoni tal-ordni ta' qorti magħmul biex jiżgura twettiq ta' xi obbligu impost lilu b'liġi;*
*(e) sabiex jinġieb quddiem qorti fl-esekuzzjoni tal-ordnita' qorti jew quddiem il-Kamra tad-Deputati fl-esekuzzjoni tal-ordni ta' dik il-Kamra;*
*(f) fuq suspett raġonevoli li huwa jkun ikkommetta, jew ikun sejjer jikkommetti, reat kriminali;*
*(g) fil-każ ta' persuna li ma tkunx għalqet l-età ta'tmintax-il sena, għall-iskop tal-edukazzjoni u ġid tagħha;*
*(h) sabiex jiġi evitat it-tixrid ta' marda infettiva jew kontaġġuża;*
*(i) fil-każ ta' persuna li tkun, jew tkun raġonevolment suspetta li tkun, ta' moħħ marid, mogħtija għan-narkotiċi jew xorb, jew vagabonda, għall-iskop tal-kura jew trattament tagħha jew protezzjoni tal-komunità; jew*
*(j) sabiex jiġi evitat id-dħul illeġittimu ta' dik il-persuna f'Malta, jew sabiex tiġi effettwata l-espulsjoni, l-estradizzjoni jew it-tneħħija leġittima oħra ta' dik il-persuna minn Malta jew it-teħid ta' proċeduri dwar hekk jew sabiex tiġi mrażżna dik il-persuna waqt litkun qed tiġi mgħoddija minn Malta fil-kors tal-estradizzjoni jew tneħħija tagħha bħala priġuniermisjub ħati minn pajjiż għal ieħor.*
*(2) Kull min ikun arrestat jew detenut għandu jiġi nformat, filħin tal-arrest jew detenzjoni tiegħu, f'ilsien li huwa jifhem, bir-raġunijiet tal-arrest jew detenzjoni tiegħu:*
*Iżda jekk interpretu jkun meħtieġ u ma jkunx disponibblimalajr jew jekk ikun xort'oħra imprattikabbli li jiġu mħarsa d-disposizzjonijiet ta' dan is-subartikolu fil-ħin tal-arrest jewdetenzjoni tiegħu, dawn id-disposizzjonijiet għandhom jiġu mħarsakemm jista' jkun malajr.*
*(3) Kull min jiġi arrestat jew detenut - (a) sabiex jinġieb quddiem qorti fl-esekuzzjoni tal-ordnita' qorti; jew (b) fuq suspett raġonevoli li jkun ikkommetta, jew li jkun sejjer jikkommetti, reat kriminali, u li ma jiġix meħlus, għandu jinġieb quddiem qorti mhux aktar tard minn tmienja u erbgħin siegħa wara; u jekk xi ħadd arrestat jew detenut f'xi każ bħal dak li huwa msemmi fil-paragrafu (b) ta' dan is-subartikolu ma jiġix iġġudikat fi żmien raġonevoli, f'dak il-każ, bla ħsara għal kull proċeduri oħra li jistgħu jinġiebu kontra tiegħu, huwa għandu jiġi meħlus jew bla kondizzjoni jew b'kondizzjonijiet raġonevoli, magħduda b'mod partikolari dawk il-kondizzjonijiet li jkunu meħtieġa raġonevolment biex*

*jiġi żgurat li huwa jidher f'data aktar tard għall-kawża jew għall-proċeduri preliminari għall-kawża.*
*(4) Kull min ikun arrestat jew detenut illegalment minn xi persuna oħra jkollu dritt għal kumpens għal hekk minn dik il-persuna.*
*(5) Ebda ħaġa li hemm fi jew li tkun magħmula bl-awtorità ta' xi liġi ma għandha titqies li tkun inkonsistenti ma' jew bi ksur ta'dan l-artikolu safejn il-liġi in kwistjoni tawtorizza t-teħid matul dak il-perijodu ta' emerġenza pubblika skont ma hu msemmi fil-paragrafu (a) jew (ċ) tas-subartikolu (2) tal-artikolu 47 ta' din il-Kostituzzjoni ta' miżuri li jkunu raġonevolment ġustifikabbli sabiex tiġi affrontata s-sitwazzjoni li teżisti matul dak il-perijodu ta' emerġenza pubblika.*
*(6) Jekk xi ħadd li jkun detenut legalment bis-saħħa biss ta' liġi bħal dik imsemmija fis-subartikolu li jaħbat l-aħħar qabel dan hekk jitlob f'xi żmien matul il-perijodu ta' dik id-detenzjoni mhux qabel sitt xhur wara li jkun għamel l-aħħar talba bħal dik matul dak il-perijodu, il-każ tiegħu jiġi rivedut minn tribunal indipendenti u imparzjali mwaqqaf b'liġi u magħmul minn persuna jew persuni likull waħda minnhom ikollha jew kellha kariga ġudizzjarja jew tkunkwalifikata biex tiġi maħtura għal kariga bħal dik f'Malta.*
*(7) Wara xi reviżjoni minn tribunal skont is-subartikolu li jaħbat l-aħħar qabel dan tal-każ ta' xi persuna detenuta, it-tribunal jista' jagħmel rakkomandazzjonijiet dwar il-ħtieġa jew espedjenza tat-tkomplija tad-detenzjoni tagħha lill-awtorità li minnha – kienet ġiet ordnata. iżda. kemm-il darba ma jkunx provdut xort'oħra b'liġi, dik l-awtorità ma tkunx obbligata taġixxi skont xi rakkomandazzjonijiet bħal dawk.*

L-Avukat Generali, fl-ghaxar eccezzjoni tieghu, jirreferi ghall-Artikolu 5(1) tal-Konvenzjoni Ewropeja u l-Artikolu 34(1) tal-Kostituzzjoni ta' Malta, trattati flimkien, u jsostni illi ma hemmx ksur ta' tali artikoli peress illi r-rikorrent ma kien sofra ebda piena karcerarja u fi kwalunwke kaz, jekk jigri hekk, dan ikun qed jigi ghaliex jkun kiser l-ordni tal-Qorti ghall-hlas ta' manentiment ghall-uliedu. B'hekk, kif provdut fl-artikolu 5(1)(b) tal-Konvenzjoni Ewropeja u l-Artikolu 34(1)(d) tal-Kostituzzjoni, ma jistghax jitqies lezjoni tad-drittijiet ta' liberta' tar-rikorrent jekk ikun hemm l-imposizzjoni ta' piena karcerarja.

Fi kwalunkwe kaz, fil-hdax il-eccezzjoni tieghu, l-Avukat Generali jsostni illi f'kaz illi wara process giudizzjarju jkun hemm htija b'piena karcerarja skond il-ligi, allura ma jkunx hemm ksur tal-Artikolu 34 tal-Kostituzzjoni minhabba s-sub-inciz 1(b) tieghu u tal-Artikolu 5 tal-Konvenzjoni minhabba s-subinciz 1(a) tieghu.

Il-Qorti taqbel mal-eccezzjonijiet mressqa u ssib illi ghandhom mis-sewwa, kemm fattwalment u kemm legalment.

Il-Qorti tqis anke hawnekk illi mhux car ghaliex ir-rikorrent invoka dawn il-provvedimenti tal-ligi, u filwaqt illi ma humiex trattati lanqas fin-nota ta'

osservazzjonijiet tieghu, irid jinghad illi mill-atti ma jirrizulta illi tressqu ebda provi in sostenn tal-allegat lezjoni tad-drittijiet tar-rikorrenti fil-kuntest tal-Artikolu 34 tal-Kostituzzjoni u l-Artikolu 5 tal-Konvenzjoni Ewropeja. Il-Qorti ssib illi anke l-premessa kif impostata fil-paragrafu 21 tar-rikors promotur ma tregix fil-kuntest tal-fatti li jiccirkondaw il-kaz in dizamina.

Fid-dawl ta' dan allura il-Qorti **sejra anke tichad ir-raba' talba** tar-rikorrent kif maghmula fir-rikors promotur tieghu.

- **L-Artiklu 36 tal-Kostituzzjoni ta' Malta** u **l-Artikolu 3 tal-Konvenzjoni Ewropeja** dwar id-Drittijiet tal-Bniedem u l-Kap 319 tal-Ligijiet ta' Malta

*36.(1) Ħadd ma għandu jkun assoġġettat għal piena jew trattament inuman jew degradanti.*
*(2) Ebda ħaġa li hemm fi jew magħmula skont l-awtorità ta' xi liġi ma titqies li tkun inkonsistenti ma' jew bi ksur ta' dan l-artikolu safejn il-liġi in kwistjoni tawtorizza l-għoti ta' xi deskrizzjoni ta' piena li kienet legali f'Malta minnufih qabel il-ġurnata stabbilita.*
*(3) (a) Ebda liġi ma għandha tipprovdi għall-impożizzjoni ta'pieni kollettivi.*
*(b) Ebda ħaġa f'dan is-subartikolu ma tipprekludi l-impożizzjoni ta' pieni kollettivi fuq il-membri ta' korp dixxiplinat skont il-liġi li tirregola d-dixxiplina ta' dak il-korp.*

*ARTIKOLU 3*

*Ħadd ma għandu jkun assoġġettat għal tortura jew għal trattament jew piena inumana jew degradanti.*

Rilevanti f'dan il-kuntest dak illi jirrispondi l-Avukat Generali fil-hames eccezzjoni tieghu meta jissolleva illi f'kaz ta' sejbien ta' htija ta' ksur tal-artikolu 338(z) tal-KAP 9 tal-Ligijiet ta' Malta, m'hemmx l-imposizzjoni awtomatika tal-piena karcerarja. Jirreferi ghall-artikolu 7(2) tal-KAP 9 minn fejn jirrizulta illi bhala piena ghall-kontravvenzjoni, din tista' tkun detenzjoni, ammenda jew canfira u twiddiba. Il-Qorti Kriminali ghandha diskrezzjoni wiesgha anke fejn ikun hemm kazijiet ta' recidivita` - u t-tehid tal-liberta' b'piena karcerarja mhix tassattiva.

L-Avukat Generali jghid, fis-sitt eccezzjoni tieghu, illi anzi l-prassi tal-Qrati Maltin hi illi kemm jista' jkun ma jkunx hemm imposizzjoni ta' habs u jaghtu kull opportunita' lill-akkuzat illi jirregolarizza l-posizzjoni tieghu.

Ukoll, l-Avukat Generali jirrileva fis-seba' eccezzjoni tieghu, illi ai termini tal-Artikolu 21 u 985 tal-KAP 16 tal-Ligijiet ta' Malta, persuna illi jaffaccja diffikulta' biex jaqdi l-obbligi fuqu mposti, ghandu kull dritt illi jitlob revizjoni ta' tali obbligazzjonijiet skond ic-cirkostanzi li l-persuna jkun ghaddejjin

minnhom. Jsostni illi allura persuna bhar-rikorrent ghandu rimedju sabiex jehles jew inaqqas l-obbligu tieghu ta' manteniment u b'hekk ma jibqax aktar ukoll espost ghall-proceduri kriminali a bazi tal-artikolu 338(z) tal-KAP 9.

Fit-tlettax il-eccezzjoni tieghu, l-Avukat tal-Istat jirreferi ghal gurisprudenza tal-Qorti Ewropeja ta' Strasbourgu u ighid illi t-trattament jitqies inuman meta jkun mahsub minn qabel u jkun premeditat biex jikkaguna "*intense physical and mental suffering*", filwaqt illi trattament jitqies degredanti meta jgieghel lil dak li jkun ikisser ir-resistenza kemm fizika u kemm morali tal-vittma jew igieghel lill-vittma jagixxi kontra l-volonta' tieghu. Ukoll degredanti jekk it-trattament iqajjem fil-vittma sentiment ta' biza', angoxxia u sens ta' inferjorita li jumilja u jiddenigra lil dak li jkun. Ghalhekk isostni illi bil-kaz in ezami, qatt ma jista' jkun illi l-Qorti issib ksur tal-Artikolu 36 tal-Kostituzzjoni u l-Artikolu 3 tal-Konvenzjoni Ewropeja.

Minn naha taghha, il-kjamat in kawza tikkondividi dan il-hsieb u tecceppixxi illi kien ir-rikorrent illi gab il-problema fuq idejh meta halla gimghat twal ta' arrettrati ta' manteniment mhux mhallsa, frott ta' pika u inkejja. Tghid illi b'ebda mod in-nuqqas tieghu ma ghandu jfisser illi kien assoggettat ghal tortura jew trattament inuman.

Issostni illi l-fedina penali mimlija gaba fuq idejh hu ukoll bl-agir tieghu, u xejn ma zammu milli jahdem ghal rasu jekk impjieg kien difficli illi jsib.

Fis-sottomissjonijiet finali tieghu, ir-rikorrent jghid illi "*ebda qorti ma ggustifikat jew skuzat lill-esponenti, u huwa ripetutament inghata sentenzi ta' detenzjoni u/jew prigunerija*" anke jekk kien fl-impossibilita' illi jhallas. Jsostni illi dan wassal biex "*ripetutament u kostantament kien mwerer u mbezza' li ser jispicca l-habs ghaliex ma setghax ihallas il-manteniment dovut*" u kwindi sofra minn trattament inuman u degredanti.

L-Avukat Generali jirribatti billi jghid illi sabiex jirrizulta trattament inuman jinhtieg illi jkun ippruvat illi l-vittma sofra "*intense physical and mental suffering*".

Jzid ighid illi r-rikorrenti ma ghamilx id-distinzjoni bejn trattament inuman u dak degredanti, ghaliex kif jirrizulta minn gurisprudenza anke lokali, trattament inuman huwa fih inniffsu degredanti, izda dak degredanti mhux necessarjament inuman.

Il-Qorti tqis illi minn persuna illi ghandu fedina penali, kif gja deskritta minn Qorti ohra bhala "*arcifretterija*", u meta persuna kien anke skonta zmien il-habs, anke barra minn Malta, kien mistenni hafna mir-rikorrent biex jikkonvinci lil din il-Qorti illi huwa kien "*mwerer u mbezza*" li ser jispicca l-habs ghaliex ma setghax ihallas manteniment.

Il-Qorti tqis ukoll illi ma ngiebet ebda prova ta' trattament inuman u jekk hassu degredat, dak certament mhux tort tal-ligi applikata, izda tort tan-nuqqasijiet tieghu ripetuti li wassluh fejn wassluh.

Il-Qorti tqis illi jekk ir-rikorrent kien "*mwerer u mbezza*"' fl-ewwel darba illi gie affaccjat bil-possibbilita' ta' prigunerija ghaliex ma hallasx il-manteniment, allura dak li kellu jaghmel ir-rikorrent ma kienx illi jgib skuza wara ohra biex ma jhallasx u jressaq azzjonijiet bhal dawn u jhallas biss fl-ahhar mumenti qabel is-seduta tal-Qorti tal-Appell Kriminali biex appena jiskansa s-sentenza ta' prigunerija effettiva, imma illi jaqdi d-dover tieghu ta' genitur kif hawn taht mfisser.

Illi l-kjamat in kawza tghid illi n-nuqqas ta' hlas ta' manteniment kien biss rizultat ta' pika u tal-hajja li ghazel huwa stess. Il-Qorti tikkondividi dan u tasal biex tghid ukoll illi l-fedina penali pprezentata minnhu stess (fol 190) tipprova dan. Mhux biss ghaliex hija indikattiva tat-triq u t-tip ta' hajja illi ghazel r-rikorrenti, izda ukoll u sahansitra ghaliex affaccja u hemm anke htija ta' offizi fuq il-persuna u fil-konfront tal-kjamat in kawza personalment.

Hi sfortuna illi fis-socjeta' taghna hemm genituri illi jippikaw bejniethom anke jekk ibghatu l-ulied minuri. Dan ma ghandu qatt jkun accettat u anzi ghandu jgib il-kundanna ta' kulhadd.

**Ikkunsidrat ulterjorment**:

Illi din il-Qorti tikkondividi dak illi qalet il-Qorti tal-Appell fis-sentenza taghha tat-3 ta' Frar 2012 fil-kawza 179/2008/1 fl-ismijiet Isabelle Mercieca Frantz vs Fabio Psaila, li ssindakat sentenza tal-Qorti tal-Familja u kkonfermat kemm il-quantum tal-manteniment fl-ammont ta' €140 fix-xahar ghal kull wild bhala "*mhux eccessiv*" u kif ukoll l-obbligu tar-rikorrent illi jhallas tali manteniment, ghaliex fi kliem il-Qorti tal-Appell, "*la gab dawn it-tlett itfal irid jahdem ghalihom, u mhux jippretendi li jerfa' l-piz l-iStat*".

Dik il-Qorti qalet :

> *Kif inghad, kull genitur ghandu obbligu li jara' kif imantni lill-uliedu, u jrid jaghmel mezz li jzomm kull tip ta' xoghol ghal dan il-ghan. Il-Qorti taghna gia` espremew ruhhom fis-sens li wiehed ma jistax jahrab minn dan id-dover li missier ghandhu li jmantni lill-uliedu billi jghid li mhux qed jahdem (ara Bartolo v. Bartolo, deciza mill-prim'awla tal-Qorti Civili fis-27 ta' April 1965). Missier irid jiehu dan lobbligu bis-serjeta` u b'impenn, u din il-Qorti mhux konvinta li fil-kaz tal-konvenut dan hu hekk.*

Dan stabbilit mill-forum appositu, din il-Qorti mhux tidhol f'din il-materja. Dan qed jinghad biss peress illi din is-sentenza qed tinghata ukoll fl-isfond ta' dawn ir-rizultanzi.

Il-Qorti thoss illi huwa f'loku ukoll pero` tiehu konjizzjoni tal-mod kif il-Qrati Kriminali taghna, partikolarment il-Qrati fit-tieni istanza, iharsu lejn din il-materja.

Hekk per ezempju, fis-sentenza moghtija fil-kawza fl-ismijiet **Pulizija vs Simon Desira**[14] il-Qorti qalet:

*Illi tajjeb li jkun osservat in primis illi l-ewwel Qorti kkominat piena li hija fil-parametri ghar-reat li dwaru l-imputat instab hati u kif kostantement deciz minn din il-Qorti, ma huwiex normali li tkun disturbata d-diskrezzjoni ezercitata mill-ewwel Qorti fil-kominazzjoni tal-piena sakemm ma jkun hemm xejn x'juri li din kellha tkun anqas jew aktar minn dik erogata.*
*Irid jinghad, izda, illi f'kawzi ta' mertu konsimili, l-ghan tal-legislatur ikun milhuq meta l-imputat jottempera ruhu mal-ordni tal-Qorti jew mal-obbligu kontrattwali tieghu li jhallas dak il-manteniment li hu intiz ghall-ghixien tal-ulied jew tal-parti civile. U f'dan ir-rigward ta' spiss issir eccezzjoni u hekk ser isir f'dawn il-proceduri wara li l-parte civile ddikjarat illi fil-mori irceviet il-hlas kollu lilha dovut.*

Ukoll, fis-sentenza ghall-kawza **Pulizija vs Francis Saliba**[15], il-Qorti qalet:

*Hija ħaġa tajba li ntlaħaq arranġament bejn il-partijiet dwar is-sitwazzjoni tagħhom u dwar il-manteniment li kien dovut u fiċ-ċirkostanzi kollha ta' dan il-każ kif żviluppaw din il-Qorti tara li piena ta' detenzjoni ma tiswa xejn lil ħadd, la lis-soċjeta' li sentenza restrittiva tal-liberta` għaliha dejjem okkażżjoni ta' swied il-qalb, la lill-amministrazzjoni tal-ġustizzja, li ma għandha xejn x'tiggwadanja iżjed darba li l-ordni tal-Qorti ġiet issa esegwita, la jista' jkollha xi effett riformatur in kwantu li s-sitwazzjoni ta' bejn l-appellant u martu ġiet definittivament riżolta, u ċertament anqas ma hi indikata bħala mezz ta' deterrent ġenerali peress li tali piena tista' sservi biss sabiex iġġarraf mill-ġdid l-għaqda familjari li llum nħolqot bejn l-appellant u uliedu.*

*B'danakollu, l-Qorti ma hix bi ħsiebha tinkoraġixxi l-għemil tal-appellant billi min ikun fil-pożizzjoni tiegħu jaħseb li jkun jista' jinjora l-ordni tal-Qorti u jonqos mill-obbligi tiegħu tal-ħlas ta' manteniment bl-isperanza li eventwalment il-vertenzi bejnu u martu jiġu riżolti bonarjament waqt li fil-frattemp martu u uliedu jibqgħu bla ħlas ta' manteniment.*

[14] Qorti tal-Appell Kriminali, 4 ta' Ottubnru 2021
[15] Qorti tal-Appell Kriminali, 19 ta' Lulju 2013

Din il-Qorti thoss illi dak li jghallmu l-Qrati Kriminali taghna ghandu mis-sewwa u l-mod kif il-Qrati taghna jimxu ma min jonqos fl-obbligu tieghu illi jhallas manteniment lill-minuri jista' jitqies kollox ghajr agir leziv ghad-drittijiet fondamentali tal-persuna involuta, u dan peress illi kemm il-ligi u kemm l-applikazzjoni taghha qed tilhaq l-ghan tal-bilanc bejn l-obbligi u d-drittijiet tal-partijiet u l-Istat.

Fuq kollox, ir-rikorrenti dan jafu tajjeb ghaliex kif jirrizulta minn sentenzi tal-Qorti tal-Appell Kriminali u li esebixxa hu stess bin-nota tal-15 ta' Ottubru 2021 u li qed jilmenta minnhom – mieghu, il-Qorti tal-Appell Kriminali mxiet bl-istess mod, anke jekk fis-sentenza tas-26 ta' Frar 2015[16] huwa gie deskritt bhala "*habitual defaulter*". Ukoll jekk bl-istess sentenza il-Qorti "*taghmila cara illi din ser tkun l-ahhar darba illi l-Qorti se thares favorevolment lejn it-talbna tal-appellant ghal temperament fil-piena wara illi jkun hallas fil-mori ta' dan l-appell u jekk jerga' jkun moruz u l-parte civile tkun kostretta tghaddi dan il-kalvarju kollu sabiex tiehu dak li hu dritt taghha, din il-Qorti mhix ser thares b'simpatija lejn it-talba tal-appellant*".

Nonostante dan, fis-29 ta' Marzu 2016[17], fl-10 ta' Marzu 2017[18], fit-18 ta' Mejju 2017[19] u fit-28 ta' Marzu 2019[20], il-Qorti regghet imxiet bl-istess mod mar-rikorrent u rrevokat pieni ta' habs u infliggiet pieni ohra, inkluz addirittura twiddiba fl-ahhar istanza. U minkejja illi l-Qorti dejjem wissiet lir-rikorrent bl-obbligu tieghu, ir-rikorrenti baqa' jagixxi bl-istess mod xahar wara xahar u ressaq l-odjerna procedura.

Dwar l-incident illi kien involut fih f'Dicembru 2017 u li r-rikorrent jsostni illi kkawzalu dizabilita' permanenti illi mhux thallieh jahdem, din il-Qorti tirrileva illi mir-records esebiti (employment history) mill-Jobs Plus jirrizulta illi l-ahhar impjieg illi kellu r-rikorrent spicca f'Novembru 2016, ossia tlettax il-xahar <u>qabel</u> l-incident. Certament ghalhekk illi huwa inverosimili illi l-incident kien ukoll kawza tal-problema u l-impossibilita` (kif isejjaha hu) illi jahdem.

Il-Qorti tqis ukoll illi r-rikorrent ma ressaq ebda prova ta' x'kienu r-ragunijiet ghaliex tilef 19 il-impjieg f'perjodu bejn is-sena 1990 u 2016. Jghid biss illi dan kien dovut ghall-fedina penali tieghu u ghal dak li l-media kienet tirraporta dwaru.

Il-Qorti mhix konvinta minn dan u ma tqisx illi r-rikorrenti ressaq l-aqwa prova illi kien jinhtieglu jressaq sabiex jikkonvinci l-Qorti illi huwa kien qed jitlef l-impjieg minhabba l-fedina penali. Fuq kollox mill-fedina penali esebita minnhu stess jirrizulta illi kien hemm numru ta' sejbien ta' htija ta' reati illi wettaq ir-rikorrent fiz-zmien li kien fl-impjieg. Di piu`, mkien ir-rikorrent ma

---

[16] Appell Nru 307/2014 fol 48 tal-process
[17] Appell Nru 391/2014 u Appell Nru 392/2014
[18] Appell Nru 210/2016
[19] Appell Nru 333/2016, Appell Nru 335/2017 u Appell Nru 334/2016
[20] Appell Nru 122/2017

jghid, wisq anqas jipprova, illi ghal imqar wahda mid-diversi tkeccijiet, huwa kkontesta tali tkeccija bhala ingiusta. Huwa ghalhekk hafna aktar verosimili illi kien hu illi ma hax hsieb l-interessi tieghu u b'responsabbilita' ha hsieb l-impjiegi li kellu sabiex ikun jista' jmantni l-ulied illi huwa ghazel (flimkien mas-siehba tieghu) illi jgib fid-dinja.

Realment f'cirkostanzi fejn pajjizna esperjenza zieda sostanzjali fl-impjiegi u ekonomija illi kellha ddur fuq il-barranin ghaliex ma kienx hawn haddiema Maltin bizzejjed ghal hafna xogholijiet f'Malta, fosthom xogholijiet li kien jaghmel hu u dawk illi skond ir-records ta' JobsPlus, kienu jinterressawh, il-Qorti issibha difficli immens taccetta illi r-rikorrenti ma setghax isib xoghol ghar-ragunijiet minnhu moghtija.

Fuq kollox, harsa lejn is-*submission history*[21] pprezentat mill-JobsPlus, jirrizulta illi kien hemm opportunitajiet ta' xoghol illi r-rikorrenti tilef, bi traskuragni tieghu jew b'nuqqas iehor tieghu. Hekk per ezempju, ghall-post ta' driver[22], iehor ta' handyman[23] u iehor ta' cleaner[24], ma giex impjegat ghaliex ma baghatx is-c.v. tieghu. Minnhom dawn l-ezempji hemm kemm trid kif jirrizulta mid-dokument msemmi esebiti mill-JobsPlus, li huma kollha, incidentalment, wara l-ghoti tad-decizjoni tal-Qorti fejn gie ordnat ihallas il-manteniment. Il-Qorti tqis illi rizultanzi bhal dawn jitfghu dubbji serji fuq il-verzjoni tar-rikorrenti u thasseb lill-Qorti dwar jekk kienx il-kaz, illi meta seta' jahdem, ghazel illi ma jaghmilx dan proprju biex minghalih jittenta jiskansa l-obbligi tieghu tal-hlas ta' manteniment ta' l-ulied.

Il-Qorti qieset ukoll kif mill-atti jirrizulta illi l-kjamata in kawza bdiet il-proceduri quddiem il-Qorti tal-Familja fil-25 ta' April 2008 u gew decizi fl-1 ta' Marzu 2011. Jirrizulta ukoll illi sa' Ottubru 2007, ir-rikorrenti kellu impjieg u kien mexa minn mpjieg ghall-iehor, izda bejn Ottubru 2007 u Settembru 2019, salv ghal granata wahda, ir-rikorrent ma hadimx. Il-Qorti issibha difficli tikkonkludi illi din hija ko-incidenza.

Finalment, il-Qorti taghmel taghha, fejn u safejn applikabbli, dak deciz fil-kawza **Miguel Degiorgio vs Avukat tal-Istat[25]** fejn mitluba sabiex

> i) *tiddikjara illi fil-każ preżenti tal-esponent, l-applikazzjoni tal-artikolu 338(z) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, tenut kont li dan effettivament jikkontempla detenzjoni/priġunerija minħabba nuqqas ta' ħlas ta' dejn ċivili, jilledi d-dritt fundamentali tal-esponent fosthom l-artikolu 1 tar-Raba' Protokoll tal-Konvenzjoni Ewropea għad-Drittijiet tal-Bniedem*

---

[21] Fol 126
[22] 259079 - 26.07.2013
[23] 259694 – 22.08.2013
[24] 266134 – 15.05.2014
[25] 16/17LM deciza mill-Qorti Kostituzzjonali fis-6 ta' Ottubru 2020

*u/jew l-artikolu 5(1)(b) tal-Konvenzjoni Ewropeja u l-artikolu korrispettiv fil-Kostituzzjoni ta' Malta ċioe l-artikolu 34(1)(d),*

*ii) tagħti dawk ir-rimedji li jidhrilha xierqa għat-twettiq ta' dawn id-drittijiet fundamentali fuq imsemmija, fosthom li tiddikjara illi l-piena inflitta f'każ ta' sejbien ta' ħtija taħt l-artikolu 338(z) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta m'għandhiex tinkludi detenzjoni/priġunerija meta jirriżulta kjarament li l-akkużat ikun finanzjarjament fl-impossibilta' li jħallas u dan taħt dawk il-provvedimenti li jidhrilha xierqa u opportuni.*

Il-Qorti hemmek, f'kaz b'fatti fimili ghal dan in ezami, iddecidiet hekk:

*12. Jibda biex jingħad li skont l-Artikolu 1 tal-protokoll numru 4 tal-Konvenzjoni:-*
*"No one shall be deprived of his liberty merely on the ground of inability to fulfil a contractual obligation".*

*13. Fis-sentenza R.R. v. Italie (42191/02) tat-2 ta' Diċembru 2004, il-QEDB qalet:*
*"2. Le requérant estime avoir été condamné à une peine d'emprisonnement pour dettes, ce qui serait contraire à l'article 1 du Protocole no 4, ainsi libellé :*
*«Nul ne peut être privé de sa liberté pour la seule raison qu'il n'est pas en mesure d'exécuter une obligation contractuelle.»*
*"Le requérant allègue avoir démontré qu'il ne pouvait pas payer les sommes réclamées par Mme L.*
*"La Cour observe que le requérant n'a pas été condamné pour ne pas avoir pu exécuter une obligation contractuelle, mais pour avoir violé ses devoirs d'assistance familiale, ayant quitté la demeure conjugale et ayant privé de moyens de subsistance sa femme et ses enfants".*

*14. Il-każijiet tar-rikorrent huma relatati ma' ordnijiet ta' Qorti Ċivili (Sezzjoni tal-Familja) sabiex iħallas manteniment għal uliedu. Għalhekk mhumiex obbligazzjonijiet kuntrattwali.*

15. *Ir-referenza għall-Artikolu 5(1)(b) tal-Konvenzjoni Ewropea u l-Artikolu 34(1)(d) tal-Kostituzzjoni kienu wkoll mingħajr bażi għaliex il-kundanna tar-rikorrent saret wara proċessi ġudizzjarji li saru quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali, li issa huma soġġetti għall-appell quddiem il-Qorti tal-Appell Kriminali;*

*"The first limb authorizes detention for non-compliance with the lawful order of a court. This could mean, inter alia, arrest to secure attendance in court following a failure to comply with a*

*summons, or imprisonment for failure to pay a fine or to comply with an injunction or a child custody or maintenance order".*

*16. Pero` mill-uniku aggravju, hu evidenti li r-rikorrent jaċċetta li ordni ta' Qorti sabiex jitħallas manteniment ma jaqax taħt l-artikolu 1 tal-Protokoll numru 4 tal-Konvenzjoni. Lanqas mhu jikkontesta li s-sentenzi li ngħataw mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali jiksru l-Artikolu 5(1)(b) tal-Konvenzjoni u l-Artikolu 34(1) tal-Kostituzzjoni.*

*17. Dan apparti li f'kull każ wieħed ma jistax jeżamina l-Artikolu 338(z) b'mod iżolat mingħajr ma jikkonsidra ċ-ċirkostanzi partikolari ta' kull każ.*

*18. Fl-aggravju tar-rikors tal-appell ir-rikorrent qiegħed biss jargumenta li l-proċeduri kriminali mhumiex jolqtu l-manteniment tal-familja tiegħu iżda huma biss, "obbligazzjonijiet ċivili versu terzi li ma kinux qed jiġu onorati u ġew b'mod artifiċjali għall-aħħar inkorporati bħala manteniment dovut lill-parti l-oħra fil-proċeduri ta separazzjoni in diżamina".*

*19. L-Artikolu 338(ż) tal-Kodiċi Kriminali jipprovdi li persuna hi ħatja ta' kontravvenzjoni kontra l-ordni pubbliku:-*
*"Meta hekk ordnat minn xi qorti jew hekk marbut b'kuntratt jonqos li jagħti lil xi persuna, is-somma ffissata minn dik il-qorti jew stipulata fil-kuntratt bħala manteniment għal dik il-persuna fi żmien ħmistax-il jum minn dak il-jum li fih, skont dik l-ordni jew dak il-kuntratt, ikollha titħallas dik is-somma".*

*20. Issa hu fil-kawża ta' separazzjoni li suppost jiġi determinat jekk il-manteniment jinkludix ħlasijiet relatati ma' edukazzjoni tat-tfal u spejjeż relatati ma' konsum ta' dawl u ilma. Evidenti li l-Qorti Ċivili (Sezzjoni Familja) ikkonsidrat li l-ispejjeż tal-iskola u konsum ta' dawl u ilma huma inklużi fil-manteniment għat-tfal. Fil-fatt bid-digriet:-*
*i. Tat-30 ta' Marzu 2015 il-Qorti Ċivili (Sezzjoni Familja) żiedet il-manteniment minn €700 għal €990 sabiex jinkludi fih ħlas ta' kontijiet ta' konsum ta' dawl u ilma (fol. 38-40); u*
*ii. Tad-9 ta' Novembru 2015 il-Qorti Ċivili (Sezzjoni Familja) laqgħet it-talba tal-intimata sabiex ir-rikorrent iħallas is-somma ta' €5,000 bħala manteniment li jikkonsisti fi ħlas ta' miżati tal-iskola (fol. 49-51);*

*21. Wieħed irid jiftakar li skont l-Artikolu 19 tal-Kodiċi Ċivili:-*
*(1) Fil-manteniment jidħlu l-ikel, l-ilbies, is-saħħa u l-abitazzjoni.*

*(2) Fil-manteniment li għandu jingħata lill-ulied u dixxendenti oħra, jidħlu wkoll l-ispejjeż meħtieġa għas-saħħa u għall-edukazzjoni tagħhom".*

*22. Il-ħlas, jekk hu dovut, hu ta' manteniment ordnat mill-Qorti permezz tal-imsemmija digrieti. Miżati tal-iskola huma parti mill-ispejjeż tal-edukazzjoni, filwaqt li kontijiet relatati mal-konsum ta' dawl u ilma huma aċċessorji għall-abitazzjoni li jissemma f'subartikolu (1) tal-Artikolu 19.*

*23. Fiċ-ċirkostanzi l-ilment tar-rikorrent hu fieragħ. Hu ċar li bid-digriet li dwarhom ir-rikorrent qiegħed jilmenta, il-Qorti ordnat li jitħallas manteniment għall-iskopijiet li tikkontempla l-liġi stess.*

*Għal dawn il-motivi tiċħad l-appell bl-ispejjeż kollha kontra l-appellant.*

Il-Qorti ghalhekk ma jifdilha xejn aktar ghajr illi tiddikjara illi sejra ukoll tichad ir-rimedji mitluba mir-rikorrent, liema rimedji ma jistghux jinghataw gja la darba illi l-Qorti qed tghaddi biex tichad l-ewwel hames talbiet.

**GHALDAQSTANT**, il-Qorti, wara illi rat l-atti kollha u ghamlet il-konsiderazzjonijiet taghha kif hawn fuq maghmula, qeghda tghaddi sabiex, filwaqt illi tilqa' l-eccezzjonijiet mressqa mill-Avukat Generali u dawk mressqa mill-kjamat in kawza:

1. **tiddikjara** illi fil-konfront tar-rikorrent ma kienx hemm ksur tal-Artikolu Numru 1 tar-Raba' Protokol tal-Konvenzjoni Ewropeja dwar id-Drittijiet tal-Bniedem.

2. **tiddikjara** illi fil-konfront tar-rikorrent ma kienx hemm ksur tal-Arikolu Numru 2 tar-Raba' Protokol tal-Konvenzjoni Ewropeja dwar id-Drittijiet tal-Bniedem.

3. **tiddikjara** illi fil-konfront tar-rikorrent ma kienx hemm ksur tal-Arikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropeja dwar id-Drittijiet tal-Bniedem u l-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni u kif ukoll l-KAP 319 tal-Ligijiet ta' Malta.

4. **tiddikjara** illi fil-konfront tar-rikorrent ma kienx hemm ksur tal-Artikolu 5 illi hemm fil-konvenzjoni Ewropeja dwar id-Drittijiet tal-Bniedem u kif ukoll l-Artikolu 34 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u tal-KAP 319 tal-Ligijiet ta' Malta.

5. **tiddikjara** illi fil-konfront tar-rikorrent ma kienx hemm ksur l-Artikolu 36 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u l-Artikolu 3 tal-Konvenzjoni Ewropeja Dwar id-Drittijiet tal-Bniedem u tal-KAP 319 tal-Ligijiet ta' Malta.

6. **tiddikjara** illi l-Artikolu 338(z) tal-KAP 9 tal-Ligijiet ta' Malta ma huwiex null u bla effett.

7. **tiddikjara** illi s-sentenzi fil-konfront tal-esponenti fl-ismijiet il-Pulizija vs Fabio Psaila ma humiex nulli u bla effett.

8. **tichad** it-talba ghall-ordni ta' hlas ta' kumpens xieraq.

9. **tichad** it-talba ghall-ghoti ta' kull rimedju, direttivi ohra illi jidhrilha xierqa u opportuna in kwantu illi mhux milqugha it-talbiet tar-rikorrent.

Bl-ispejjes ta' din il-kawza jkunu a karigu esklussivament tal-istess rikorrent.

**Onor. Ian Spiteri Bailey**
**Imhallef**

**Marisa Bugeja**
**Deputat Registratur**